# Kapitlu Disgħa

Indiċi 417

Kapitlu Disgħa 419
Malta u l-Unjoni Ewropea 419
L-Applikazzjoni tal-Gvern Nazzjonalista 419
L-Avis 419
L-Applikazzjonijiet Jiġu Kkunsidrati fuq il-Mertu Tagħhom 420
Attenti x'Jgħidu 421
Inqas Drittijiet 421
Memorandum 422
In-Newtralita' u l-Politika Barranija u ta' Sigurta' u Difiża Komuni 423
Il-Kostituzzjoni ta' Malta 424
In-Newtralita' u n-Non Allinjament 424
Bażi u Suldati Barranin 425
Faċilitajiet Militari Maltin 425
L-Użu tal-Faċilitajiet Militari ta' Malta 427
It-Tarznari 427
Il-Ġurament ta' Lealta' 427
X'Qal Iżjed il-Gvern Nazzjonalista 430
Il-Problemi 430
Tibdil Kostituzzjonali 431
Drittijiet u Dmirijiet Differenti 432
Karatteristiċi Ewlenin 433
Il-Kummissjoni Tfakkar l-Istorja 433
Id-Defiċit fil-Kummerċ 436
L-Ilsien Malti 437
Min Iħares l-Interessi Maltin 439
L-Interessi ta' Malta 441
Aktar dwar in-Newtralita' 442
L-Ghaqda Doganali 443
L-Ekonomija u l-Bażi Militari 445
Il-Biedja 446
Statistika u Djun 449
Iż-Żieda fil-Ħaddiema tal-Gvern 450
L-Industrija 450
It-Tarznari 451
It-Tarznari u l-Biedja 452
It-Taxxa Inġusta u Immorali tal-VAT 453
Il-Bejgħ tal-Banek 454
Setturi Oħra Attakkati 455
Ħaddiema tax-Xatt 456
EneMalta, TeleMalta u d-Dwana 456
Effetti oħra fuq l-Ekonomija 457
Telf ta' Xogħol u Sensji 458
Kontribuzzjoni Dinamika 459
Il-Kummissjoni u s-Servizz Diplomatiku 460
It-Tmexxija ta' l-Istituzzjonijiet minn Malta 461
Kompetittivita' 462

Is-Sajd 462
Il-Kaċċa 464

Konklużjoni 466
Il-Bandiera Maltija 470
Jum ir-Rebħa 471

# Kapitlu Disgħa
# Malta u l-Unjoni Ewropea

## L-Applikazzjoni tal-Gvern Nazzjonalista

Wara li rajna xi ftit mill-iżviluppi l-aktar importanti li saru li kienu wasslu għat-twaqqif tal-Komunitajiet Ewropej sakemm rajna t-twaqqif ta' l-Unjoni Ewropea u l-iżviluppi li saru sal-lum, issa jmiss li f'dan il-Kapitlu naraw fil-qosor l-opinjoni li kienet bagħtet il-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea wara l-applikazzjoni tal-Gvern Nazzjonalista, jiġifieri dak magħruf bħala l-"Avis".

Minħabba t-tul ta' l-avis li kien jittratta ħafna setturi f'Malta, kemm politiċi kif ukoll ekonomiċi, mhux possibbli li nidħol f'ħafna dettalji, għaliex inkella jkolli nikteb ktieb ieħor.

Madankollu, tajjeb li naraw xi affarijiet l-aktar importanti li jew ħallew jew se jħallu effetti kbar fuq il-poplu Malti u Għawdxi kif ukoll fuq il-gżejjer Maltin.

Dan huwa meħtieġ li jsir għaliex hemm ħtieġa li l-poplu Malti u Għawdxi jeżamina bir-reqqa xi jfisser li Malta terġa' tidħol f'għaqda li terġa' ġġibna lkoll f'pożizzjoni li jkollna nobdu dak kollu li jiġi ordnat lilna mill-barrani, inkluż li uliedna jerġgħu jibdew jitqatlu u jinqatlu għall-barrani kull meta' dan ifettillu jerġa' jidħol f'xi avventura militari.

Fi kliem ieħor, Malta terġa' ssir kolonja u bażi militari tal-barrani bil-periklu li din iġġib magħha u tkun Stat Membru fuq il-fruntiera ta' l-Unjoni Ewropea fil-kaldarun ibaqbaq tal-Mediterran. Irridu niftakru li l-Unjoni Ewropea issa għandha wkoll l-armata tagħha li se jkollha mijiet ta' ajruplani tal-ġlied u bastimenti tal-gwerra. Għal dawn ir-raġunjijiet, irridu noqgħodu attenti ħafna.

Għaldaqstant, irridu nżommu quddiem għajnejna l-qwiel Maltin li jgħidu, **"Qis mitt darba u aqta' darba"** għax **"Min jaqta bla ma jqis, minn pezza drapp ma joħroġx qmis"** u li **"Min ma jaħsibx x'jiġri wara, la hu raġel u lanqas mara".**

## L-Avis

Il-Gvern Nazzjonalista kien tefa' l-applikazzjoni tiegħu biex isieħeb lil-Malta fl-Unjoni Ewropea, li dak iż-żmien kienu għadhom magħrufa bħala l-Komunitajiet Ewropej, fis-16 ta' Lulju 1990.

Fil-fatt, fid-daħla ta' dak li huwa magħruf bħala l-Avis, li huwa l-opinjoni tal-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea fuq l-applikazzjoni li jkun għamel pajjiż biex jissieħeb, tirreferi għal dak li kien qal il-Kunsill Ewropew u jingħad li,

"

1. **Fis-16 ta' Lulju 1990, il-Gvern Malti ssottometta lill-Kunsill tal-Komunitajiet Ewropej l-applikazzjoni tar-Repubblika ta' Malta biex issir membru tal-Komunita' Ewropea tal-Faħam u l-Azzar (ECSC[1]), tal-**

[1] KEFA

**Komunita' Ekonomika Ewropea (EEC[2]) u tal-Komunita' Ewropea ta' l-Enerġija Atomika (EAEC[3]).**

2. **Fil-laqgħa tiegħu tas-17 ta' Settembru 1990, il-Kunsill innota l-applikazzjoni u ddeċieda li jibda' l-proċeduri skond l-Artiklu 98 tat-Trattat ECSC, 237 tat-Trattat EEC u 205 tat-Trattat EAEC (Euratom), talab lill-Kummissjoni biex tħejji opinjoni, kif meħtieġ b'dawn il-provvedimenti.**

3. **Applikazzjonijiet ġew riċevuti riċentiment minn uħud mill-pajjiżi ta' l-EFTA u mir-Repubblika ta' Ċipru, u applikazzjoni ġiet sottomessa qabel mit-Turkija. Il-Kummissjoni tat l-opinjoni tagħha fuq l-applikazzjoni tat-Turkija f'Diċembru 1989, u warajha l-opinjonijiet dwar l-applikazzjoni ta' l-Awstrija (Awissu 1991), Svezja (Lulju 1992), Finlandja (Novembru 1992) u n-Norveġja (Marzu 1993). Hija qegħda tittrasmetti l-opinjoni fuq l-applikazzjoni sottomessa minn Ċipru fl-istess ħin ma dan id-dokument."**

Hawnhekk wieħed irid ifakkar li l-poplu Norveġiż kien reġa' ċaħad għat-tiena darba l-applikazzjoni tal-politiċi tiegħu meta kien iddeċieda f'referendum li ma jridx li n-Norveġja ssir membru ta' l-Unjoni Ewropea.

In-Norveġiżi jqisu s-sħubija fl-Unjoni Ewropea bħala pass li jwassal biex jinqerdu l-ibħra tas-sajd tagħhom mis-sajjieda ta' l-Unjoni Ewropea kif ukoll li twassal għall-qerda tas-servizzi soċjali ta' l-aqwa livell li huma jgawdu.

Anki l-popli ta' pajjiżi oħra bħal ma huma l-Awstrijaċi u l-Isvediżi li raw is-servizzi soċjali ta' l-għola livell li dejjem kellhom jitnaqqru minħabba s-sħubija tagħhom qed iduru kontra s-sħubija tagħhom. Ma dawn wieħed jista' jżid l-Ingliżi u anki ħafna ċittadini minn Stati Membri oħra.

**<u>L-Applikazzjonijiet Jiġu Kkunsidrati fuq il-Mertu Tagħhom</u>**

Wara aktar affarijiet, il-Kummissjoni tkompli tgħid li,

**"F'dan il-kuntest il-Kunsill Ewropew iddiskuta l-applikazzjonijiet li ġew sottomessi mit-Turkija, Ċipru u Malta. Il-Kunsill Ewropew jaqbel li kull waħda minn dawk l-applikazzjonijiet għandha tiġi kkunsidrata fuq il-merti tagħha.**

**Ir-relazzjonijiet ma' Ċipru u Malta jiġu żviluppati u msaħħa billi jinbnew fuq il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni u l-applikazzjonijiet tagħhom għal sħubija u bi żvilupp tad-djalogu politiku"**

Il-fatt li l-Kummissjoni qalet li r-relazzjonijiet jiġu żviluppati u msaħħa jfisser li kontra dak li kien jingħad hawn Malta, l-applikazzjoni ma kinitx tfisser li Malta se tidħol malli ssir l-applikazzjoni, imma ried jgħaddi ż-żmien sakemm ir-relazzjonijiet ikunu ġew żviluppati u msaħħa.

[2] KEE
[3] KEEA

Għaldaqstant, il-kliem li kien jingħad li qegħdin wara l-bieb u li se nidħlu fit-tkabbir li jmiss, li Malta tinsab lesta, li għandna l-appoġġ ta' dak l-Istat Membru u ħafna kliem bħal dan ma kienu xejn ħlief gideb, jew ħmerijiet u fantasija ta' min ma jarax jew jara sal-ponta ta' mnieħru u joħlom biss bl-istilel ta' l-Unjoni Ewropea.

Il-Gvern u l-kelliema Nazzjonalisti kien qiegħed jiġrilhom bħal ma jgħidu l-qwiel Maltin, li **"Min jgħix bit-tama jmut bil-piena"** u li "**Min jitma fit-tama, it-tama tqarraq bih, jagħmel ir-riħ fil-bomblu u jaħseb li se jsiefer bih."**

Fil-fatt, ikompli jingħad li,
**"Il-Kunsill Ewropew[4] jilqa' l-intenzjoni tal-kummissjoni li fi żmien qasir tippreżenta l-opinjonijiet tagħha fuq Malta u Ċipru. Dawn l-opinjonijiet jiġu eżaminati bil-ħeffa mill-Kunsill li jieħu kunsiderazzjoni tas-sitwazzjoni partikolari ta' kull wieħed mill-pajjiż."**

## Attenti x'Jgħidu

Biex wieħed jara kemm l-Unjoni Ewropea u l-istituzzjonijiet tagħha joqgħodu attenti x'jgħidu, u biex ħadd ma jkun jista' jakkużahom aktar il-quddiem li huma jkunu taw opinjoni ħażina jew mhux għal kollox sewwa, fl-artiklu 6 tad-dħul jingħad li,

**"Fil-preparamenti ta' din l-opinjoni, il-Kummissjoni wżat informazzjoni[5] fuq Malta pprovduta mill-awtoritajiet Maltin[6] u nformazzjoni miġbura mill-uffiċjali tal-Kummissjoni matul missjonijiet fil-pajjiż…"**

Dan ingħad apposta biex ħadd ma jkun jista' jakkużaha li hija waslet għal konklużjonijiet ħżiena fuq l-informazzjoni li ġabret hija stess, għaliex għalkemm anki l-uffiċjali tagħha ġabru l-informazzjoni, ma ntqalx xi nformazzjoni ġabru, kemm, kif u mingħand min, waqt li ħadd aktar mill-awtoritajiet ta' dak il-pajjiż partikolari ma jkunu jafu jew jistgħu jagħtu l-informazzjoni aktar preċiża.

Għaldaqstant, jekk ikunu saru xi żbalji, l-akbar piż jintefa' fuq l-awtoritajiet Maltin li jew ikunu taw informazzjoni ħażina jew informazzjoni falza.

## Inqas Drittijiet

L-Avis imbagħad jgħaddi għall-introduzzjoni u jkompli bl-artiklu 7 fejn jgħid li,

**"Fil-każ ta' Malta w Ċipru, l-addozzjoni ta' l-'acquis' tal-Komunita' jidher li ma joħloqx problemi insuperabbli[7]. Madankollu, it-tnejn huma Stati zgħar ħafna, u l-mistoqsijiet tas-sehem tagħhom fl-istituzzjonijiet tal-Komunita' jridu jiġu maħlula f'manjiera xierqa fit-taħdidiet tad-dħul. Il-Kummissjoni trid tindirizza din il-mistoqsija fl-opinjonijiet tagħha fuq l-applikazzjonijiet ta' dawn il-pajjiżi."**

---

[4] Li kien iltaqa' f'Kopenħagen fl-20 u t-22 ta' Ġunju 1993
[5] Data
[6] Enfasi tiegħi
[7] Jiġifieri li ma jistgħux jiġu megħluba

L-ewwel ma jrid jingħad huwa li r-rapport fuq it-tkabbir lill-Kunsill Ewropew li ssemmi l-Kummissjoni jismu "L-Ewropa u l-Isfidi tat-Tkabbir", ippubblikat[8] fi Brussell, fil-Belġju, fl-24 ta' Ġunju 1992.

Jekk wieħed jifli sewwa x'qalet il-Kummissjoni jinduna li Malta riedet bilfors taddotta, jiġifieri d-daħħal u tapplika l-acquis, jiġifieri l-liġijiet kollha ta' l-Unjoni Ewropea.

Dan l-"acquis communautaire" jew l-akkwist komunitarju, huma dawk il-liġijiet kollha ta' l-Unjoni Ewropea li jkunu fis-seħħ meta Malta ssir membru. Minn dawn hemm aktar minn 80,000 paġna li qed ikomplu jiżdiedu kulljum u li jekk Malta ssir membru ta' l-Unjoni Ewropea jkollna nobduhom kollha.

Barra minn hekk, Malta tkun marbuta mhux biss li ddaħħal u tapplika wkoll il-liġijiet u regolamenti kollha li jkun hemm mad-dħul, imma anki dawk kollha li jsiru wara.

Dan huwa biss wieħed mill-prezzijiet li Malta u ċ-ċittadini Maltin u Għawdxin ikollhom iħallsu jekk Malta ssir membru ta' l-Unjoni Ewropea.

Dan mhux biżżejjed.

Irid jiġi nnutat ukoll li l-Kummissjoni qalet li minħabba li kemm Ċipru kif ukoll Malta huma Stati żgħar ħafna, il-kwistjoni tas-sehem tagħhom fl-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni jridu jiġi maħlula matul in-negozjati tad-dħul.

Dan ifisser li l-Kummissjoni diġa' kienet qiegħda turi d-dubji tagħha u tgħid li Malta jkollha taċċetta li s-sehem tagħha fl-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea jkun jirrifletti d-daqs tagħha u li dan ma jkunx daqs ta' Stati Membri oħra.

Fi kliem ieħor is-sħubija ta' Malta tkun tat-tieni klassi, għax is-sehem u d-drittijiet tagħha jkunu inqas minn ta' Stati Membri oħra.

Dan ikompli joħroġ aktar ċar fl-avis fejn aktar 'il quddiem il-Kummissjoni wriet id-dubji tagħha dwar is-servizz ta' l-affarijiet barranin Malti u dwar kemm Malta tkun kapaċi tmexxi l-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea meta jkun imissha, kif anki kompla joħroġ ċar issa meta qed naraw kemm se jkun il-leħen ta' Malta fl-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea.

## Memorandum

Fl-artiklu 8 jingħad li,
**"Bħala tweġiba għall-konklużjonijiet ta' Lisbona u r-rapport tal-Kummissjoni, fil-11 ta' Settembru 1991, il-Gvern Malti bagħat memoramdum lill-Komunita' fejn innota kif ġej:**

**'Il-Gvern ta' Malta kontinwament saħaq l-impenn tiegħu biex iwettaq l-obbligazzjonijiet u r-risponsabbiltajiet li jirriżultaw kemm mit-tliet Trattati**

[8] Supplement 3/92 Bulletin EC

**oriġinali, kif emendati u msaħħa bl-Att Wieħed Ewropew[9] u dawk li jirriżultaw mit-Trattat fuq l-Unjoni Ewropea ffirmat f'Maastricht fis-7 ta Frar 1992'."**

Ħaġa li wieħed jinnota mill-ewwel hija kif il-Gvern Nazzjonalista fil-memorandum tiegħu jsemmi biss l-impenn tiegħu biex jerfa' l-piżijiet ta' l-obbligazzjonijiet u r-risponsabbiltajiet tat-Trattati kollha mingħajr lanqas biss isemmi xi ħaġa dwar x'ried jakkwista għal Malta.

Fil-fatt, kien ikun aktar eżatt kienu qal li se jkunu l-Gvernijiet futuri ta' Malta, ikunu ta' liema kulur politiku jkunu, kif ukoll l-poplu Malti u Għawdxi li kien se jkollu jerfa' l-piżijiet u l-obbligazzjonijiet, għaliex is-sħubija ma tkunx għall-Gvern Nazzjonalista biss, imma tkun għal kull Gvern li jkollna kif ukoll għall-poplu Malti u Għawdxi u wliedna kollha li jiġi aktar 'il quddiem.

Il-Gvern Nazzjonalista saħaq fuq l-impenn tiegħu li jdaħħal liċ-ċittadini Maltin u Għawdxin għall-obbligi kollha tat-Trattati, inkluż it-Trattat ta' Maastricht, u dan minkejja li kien jaf bil-problemi li kien qiegħed iqajjem it-Trattat ta' Maastricht li kif rajna aktar qabel kien qajjem inkwiet kbir f'ħafna Stati Membri tal-Komunita' Ewropea, issa l-Unjoni Ewropea.

**<u>In-Newtralita' u l-Politika Barranija u ta' Sigurta' u Difiża Komuni</u>**

Madankollu, ħalli nkomplu naraw x'jingħad iżjed fl-avis u x'qal iżjed il-Gvern Nazzjonalista fil-memorandum tiegħu lill-Unjoni Ewropea.

**"Dwar il-mistoqsija tan-newtralita ta' Malta, li hija mħarsa fil-Kostituzzjoni tar-Repubblika, il-memorandum josserva dan li ġej:**

**'Il-Gvern Malti jemmen li huwa fl-interess ta' Malta li jissieħeb mal-politika barranija u ta' sigurta' komuni ta' l-Unjoni Ewropea, inkluż l-eventwali politika ta' difiża komuni li tista' fiż-żmien twassal għal difiża komuni.'**

L-ewwel ma jrid jingħad huwa li fil-verżjoni bl-Ingliż, l-avis juża l-kelma '**enshrined**' meta jitkellem dwar in-newtralita' ta' Malta kif imdaħħla fil-Kostituzzjoni.

Dan juri l-importanza tan-newtralita' ta' Malta, għaliex skond id-dizzjunarju Malti – Ingliż tal-Kaptan Pawlu Bugeja, **'enshrine'** tfisser **"qiegħed ġo relikwa jew ġewwa niċċa; refa' ħwejjeġ prezzjużi jew għeżież f'xi kaxxetta jew post tajjeb."**

Għaldaqstant, meta l-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea qalet li n-newtralita' ta' Malta hija 'enshrined' fil-Kostituzzjoni ta' Malta, dan ifisser li hija kienet qed tirrikonoxxi li n-newtralita' hija tant għażiża għal qalb il-Maltin u l-Għawdxin, li din ġiet imdaħħla fil-Kostituzzjoni li hija meqjusa bħala dik ir-relikwa, niċċa, kaxxetta jew post tajjeb li ntagħżel bil-għaqal biex in-newtralita' ta' Malta tkun imħarsa tajjeb u kif jixraq għal xi ħaġa li hija għażiża.

---

[9] Single European Act

Issa waqt li l-Unjoni Ewropea kienet qed tagħraf kemm in-newtralita' hija għażiża għalina, mhux l-istess jista' jingħad għall-Gvern Nazzjonalista, li kif qalet il-Kummissjoni stess, kien qal fil-memorandum tiegħu li kien lest li jissieħeb fil-politika barranija u ta' sigurta' komuni u anki fid-difiża komuni.

Dawn l-affarijiet ifissru mhux biss il-ksur tal-Kostituzzjoni ta' Malta, imma li anki jpoġġi fil-periklu l-ħajja taċ-ċittadini Maltin u Għawdxin bil-preżenza ta' truppi u mezzi tal-gwerra barranin f'Malta kif ukoll bis-sehem tas-suldati Maltin u Għawdxin fl-armata ta' l-Unjoni Ewropea.

## Il-Kostituzzjoni ta' Malta

La semmejna l-Kostituzzjoni ta' Malta, tajjeb li naraw ftit xi tgħid dwar in-newtralita' u anki dwar il-ġurament li jieħdu l-Membri Parlamentari, il-Prim Ministru, il-Kap ta' l-Oppożizzjoni u l-Ministri ħalli ċ-ċittadini Maltin u Għawdxin ikunu jafu jekk hemmx min kiser, qiegħed jikser, u jrid ikompli jikser il-ġurament tiegħu meta sar Membru Parlamentari, Prim Ministru, Ministru u Segretarju Parlamentari.

## In-Newtralita' u n-Non Allinjament

Artiklu 1, subartiklu 3 tal-Kostituzzjoni huwa ftit twil, imma huwa mportanti ħafna biex wieħed jifhem x'tgħid il-Kostituzzjoni dwar in-newtralita' u n-non-allinjament.

Minħabba li huwa twil, se narawh biċċa biċċa ħalli wieħed ma jitlifx is-sens. Dan jgħid li,

**"Malta hija Stat newtrali li jrid attivament jilħaq il-paċi, is-sigurta' u l-progress soċjali fost in-nazzjonijiet kollha billi jħadden politika ta' non-allinjament f'kull allejanza militari. Dan l-Istatus jimplika b'mod partikolari, illi…**

Minn dan il-paragrafu, wieħed mill-ewwel jinduna li n-newtralita' ta' Malta m'hijiex waħda passiva, jiġifieri li Malta sempliċiment tibqa newtrali bejn tnejn jew iżjed u ma tallinja ruha ma ebda naħa, imma li hija trid taħdem u tkun attiva fil-ħidma tagħha għall-paċi. Hekk tfisser "**attivament**".

Mhux biss, imma din in-newtralita' trid titħaddem billi Malta ma tieħu sehem u ma tallinja ruħa ma l-ebda allejanza militari.

Mela l-fatt li l-Gvern Nazzjonalista kien mhux biss allinja ruħu ma allejanza militari imma daħħal lil Malta fil-Partnership for Peace, jew fil-qosor PfP, huwa kien qiegħed jikser sfaċċatament il-Kostituzzjoni ta' Malta minħabba li l-PfP hija organizzazzjoni ta' l-allejanza militari tan-NATO.

Barra minn hekk, il-Gvern Nazzjonalista, jew aħjar il-membri tiegħu, kienu kisru l-ġurament ta' lealta' lejn ir-Repubblika ta' Malta u l-Kostituzzjoni tagħha li huma kienu ħadu meta saru Membri Parlamentari, Ministri, Segretarji Parlamentari u Prim Ministru.

Mhux biss is-sehem fil-PfP kien sar bi ksur tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-ġurament ta' lejalta', imma anki l-fatt li l-Gvern Nazzjonalista jrid idaħħal lil Malta fl-Unjoni

Ewropea huwa ksur tal-Kostituzzjoni minħabba li din għandha l-armata tagħha magħmula minn suldati mill-armati ta' l-Istati Membri tagħha li jfisser li l-Unjoni Ewropea hija wkoll allejanza militari.

Dan barra li kif inhuma l-pjani, aktar 'il quddiem se tibda titqies bħala Stat Federali Ewropew u Superpotenza kif iridu u qed jaħdmu għal dawn l-għanijiet il-federalisti li l-Unjoni Ewropea għandha fi ħdanha.

**Bażi u Suldati Barranin**

Dan is-subartiklu tal-Kostituzzjoni ta' Malta jkompli juri kif b'mod partikolari, l-Istatus newtrali u non-allinjat ta' Malta għandu jiġi mħares. Fis-subartiklu jingħad li,

**(a) l-ebda bażi militari barranija ma titħalla fuq territorju Malti;**

**(b) l-ebda faċilitajiet militari f'Malta ma jitħallew jiġu wżati minn xi forzi barranin ħlief fuq talba tal-Gvern ta' Malta, u biss fil-każi li ġejjin:**

**(i) fl-eżerċzzju tal-jedd naturali ta' difiża leġittima f'każ ta' vjolazzjoni armata ta' l-area li fuqha r-Repubblika ta' Malta għndha sovranità, jew biex tieħu miżuri jew azzjonijiet deċiżi mill-Kunsill tas-Sigurtà tal-Ġnus Magħuda; jew**

**(ii) kull meta jkun hemm theddida għas-sovranità, indipendenza, in-newtralità, l-unità jew l-integrità territorjali tar-Repubblika ta' Malta;**

Issa tajjeb li wieħed jistaqsi jekk meta qed naraw dawn il-bastimenti militari kollha, speċjalment mill-Istati Uniti u minn pajjiżi oħra fin-NATO u pajjiżi oħra ta' l-Unjoni Ewropea, Malta saritx diġa' bażi militari tal-barrani bi ksur sfaċċat tal-Kostituzzjoni.

Mhux biss, imma minħabba li faċilitajiet militari separati minn faċilitajiet ċivili ħlief il-barracks u roqgħa fil-port ta' Marsamxett m'għandniex, il-fatt li l-bastimenti tal-gwerra qed jużaw il-faċilitajiet ċivili li għandna jfisser li dawn il-faċilitajiet jistgħu jiġu meqjusa bħala faċilitajiet militari temporanji minħabba li qed jużawhom il-bastimenti militari.

Dan ukoll huwa ksur tal-Kostituzzjoni ta' Malta fejn jingħad li l-ebda faċilitajiet militari f'Malta ma jitħallew jiġu wżati minn xi forzi barranin ħlief fuq talba tal-Gvern ta' Malta.

Madankollu, il-Gvern Malti ma jistax iħalli li jintużaw dawn il-faċilitajiet għar-raġunijiet li jfettillu, imma huwa marbut bil-Kostituzzjoni għalfejn jista' jitlob li l-faċilitajiet militari Maltin jintużaw.

**Faċilitajiet Militari Maltin**

Il-Kostituzzjoni tgħid li dawn il-faċilitajiet jistgħu jintużaw biss,

**"fl-eżerċizzju tal-jedd naturali ta' difiża leġittima f'każ ta' vjolazzjoni armata ta' l-area li fuqha r-Repubblika ta' Malta għandha sovranità, jew biex tieħu miżuri jew azzjonijiet deċiżi mill-Kunsill tas-Sigurtà tal-Ġnus Magħquda, jew kull meta**

**jkun hemm theddida għas-sovranità, indipendenza, in-newtralità, l-unità jew l-integrità territorjali tar-Repubblika ta' Malta."**

Jekk wieħed iħalli barra l-ħakkiema ta' qabel, jiġifieri l-Kavallieri w il-Franċiżi, la qatt kellna ħtieġa li niddefendu ruħna minn vjolazzjoni armata ħlief fl-aħħar gwerra minn pajjiżi li llum huma Stati Membri ta' l-Unjoni Ewropea[10], la ġejna mitluba mill-Kunsill tas-Sigurta' tal-Ġnus Magħquda għal dawn il-faċilitajiet, u l-unika theddida għas-sovranita', indipendenza, in-newtralita, l-unita' jew l-integrita' territorjali tar-Repubblika ta' Malta hija biss minħabba t-talba tal-Gvern Nazzjonalista biex idaħħal lil Malta fl-Unjoni Ewropea.

Huwa ċar li bi sħubija fl-Unjoni Ewropea, is-sovranita' tispiċċa għaliex Malta jkollha tagħmel bilfors dak kollu li tordnalha l-Unjoni Ewropea, u l-indipendenza tintilef għaliex ma nkunux nistgħu nagħmlu li rridu fl-interess tagħna, imma nkunu rridu nobdu bilfors l-politika barranija u ta' sigurta' komuni ta' l-Unjoni Ewropea, inkluż li nieħdu sehem fid-difiża komuni.

Mhux biss, imma jkollna bilfors indaħħlu l-munita' ewro minflok il-lira Maltija.

Din bilfors u m'hemmx għażla.

Jekk lanqas il-munita tiegħek ma jkollok u tkun trid toqgħod fuq dak li jiddeċiedi ħaddieħor fuq il-flus suppost tiegħek u fuq il-valur tal-kambju tagħhom ma muniti oħra, kif tista' tissejjaħ **Indipendenti, Ħieles u Sovran**?

Barra minn hekk, l-unita' jew l-integrita' territorjali ta' Malta tintilef għaliex it-territorju Malti jkun meqjus territorju ta' l-Unjoni Ewropea u mhux aktar territorju distint u separat ikkmandat minn Malta u l-poplu Malti u Għawdxi bħala Stat u poplu **Indipendenti, Ħieles u Sovran**.

Tant nitilfu kollox li jkollna naċċettaw bilfors dak kollu li tordnalna l-Unjoni Ewropea, fosthom li jkollna naccettaw ukoll kull barrani minn kull Stat Membru li jkun irid jiġi joqgħod hawnhekk u nagħtuhom l-istess drittijiet daqs iċ-ċittadini Maltin u Għawdxin.

Tista' tissejjah sovran u ndipendenti jekk inti jkollok toqgħod għal dak kollu li tiġi kkmandat u ordnat tagħmel mill-Unjoni Ewropea?

Fi kliem ieħor, Malta terġa' tiġi taħt il-ħakma tal-ħakkiema kollha li kellna qabel kollha f'daqqa, għaliex kavallieri kien hemm minn pajjiżi li llum huma Stati Membri ta' l-Unjoni Ewropea, il-Franċiżi w l-Ingliżi huma wkoll Stati Membri, waqt li l-Ġermanja u l-Italja ppruvaw jinvaduna fl-aħħar gwerra dinjija bla ma rnexxielhom.

Se nkunu daqstant boloħ li issa li għandna l-Ħelsien sħiħ tagħna nħalluhom jerġgħu jieħduhulna permezz ta' l-Unjoni Ewropea u nerġgħu lura taħt il-ħakma tal-barranin kollha li qatt ħakmu lill-Malta u anki pajjiżi oħra bil-qerq tal-Ġudiet mixtrija tagħhom hawn Malta?

---

[10] Il-Ġermanja u l-Italja

## L-Użu tal-Faċilitajiet Militari ta' Malta

Il-Kostituzzjoni ma tgħidx biss li m'għandhomx jingħataw jew jitħallew jintużaw il-faċililtajiet militari Maltin, imma tgħid ukoll li,

**(ċ) minbarra fil-każi msemmija hawn fuq, l-ebda faċilitajiet oħra f'Malta ma jitħallew jintużaw b'tali mod u b'tali miżura li jwasslu għall-preżenza f'Malta ta' konċentrazzjoni ta' forzi barranin;**

Meta wieħed qiegħed jara dawk il-bastimenti kollha tal-gwerra li kull wieħed ikollu mijiet u eluf ta' baħrin u truppi, huwa ċar daqs il-kristall li kull meta jidħol bastiment militari qiegħed ikun hawn konċentrazzjoni ta' forzi barranin bi ksur sfaċċat tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

Mhux biss din il-konċentrazzjoni m'hijiex permessa mill-Kostituzzjoni ta' Malta, imma l-istess Kostituzzjoni tgħid ċar u tond li,

**(d) minbarra fil-każi msemmija hawn fuq, l-ebda persunal militari barrani ma jitħalla fuq territorju Malti, ħlief dak il-persunal militari li jkun qed jagħmel, jew jgħin biex jitwettqu, xogħlijiet jew attivitajiet ċivili, u ħlief għadd raġonevoli ta' persunal tekniku militari li jgħin fid-difiża tar-Repubblika ta' Malta;**

Wara li kif wieħed jista' jara, ebda persunal millitari barrani ma jitħalla fuq territorju Malti ħlief kif jingħad fil-paragrafu ta' hawn fuq, nittama li ma jiġix xi ħadd u jgħid li dawk ikunu qed jagħmlu xogħlijiet jew attivitajiet ċivili għax ikun hemm xi ftit baħrin li jmorru jiżbgħu xi ftit kmamar f'xi stitut.

Anki kieku stess, xorta waħda jkun hemm konċentrazzjoni ta' truppi jew persunal militari barrani, għax jekk iridu jiġu jiżbgħu jistgħu jiġu biss dawk li jkunu se jagħmlu x-xogħol u jiġu bħala nies pajżana u mhux bħala parti mill-forzi militari barranin.

Għaldaqstant, kull meta' qiegħed jitħalla jiġi bastiment tal-gwerra u jidħol fil-portijiet Maltin, qegħdin jinkisru mhux wieħed, imma diversi subartikli tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

## It-Tarznari

La qegħdin fuq dan l-Artiklu tal-Kostituzzjoni, tajjeb li naraw ukoll xi jkompli jgħid dwar it-tarznari. Dan jgħid li,

**"(e) it-tarznari tar-Repubblika ta' Malta jintużaw għal skopijiet kummerċjali ċivili, iżda jistgħu wkoll jintużaw, f'limiti raġonevoli ta' żmien u għadd, għat-tiswija ta' bastimenti militari li jkunu tpoġġew f'qagħda li ma jistgħux jiġġieldu jew għall-bini ta' vapuri; u skond il-prinċipji ta' non-allineament l-imsemmija tarznari jiġu mċaħħda lill-bastimenti militari taż-żewġ superpotenzi."**

Il-Kostituzzjoni stess qed tagħmel distinzjoni bejn bastimenti tal-gwerra ta' pajjiżi komuni u bastimenti tal-gwerra ta' Superpotenzi.

Għaldaqstant, waqt li bastimenti ta' xi pajjiż li ma jkunx superpotenza jissewwew biss minħabba li ma jkunux f'qagħda li jkomplu jiġġieldu u għaldaqstant ma jkunux jistgħu jkomplu jbaħħru biex ifittxu jsalpaw il-barra mill-ibħra territorjali Maltin, bastimenti ta' xi superpotenza ma jistgħux jissewwew.

F'din il-ħaġa l-Kostituzzjoni hija ċara daqs il-kristall.

It-tarznari jiġu mċaħħda lill-bastimenti militari taż-żewġ superpotenzi.

M'hemmx li jekk tibqa' superpotenza waħda, il-bastimenti tagħha jissewwew fit-tarznari tagħna.

Anzi, biex l-ispirtu tal-kostituzzjoni jitħares aktar, jekk tibqa' superpotenza waħda t-tarznari aktar għandhom jiġu mċaħħda lilha minħabba li tkun tista' tagħmel li trid għax ma jkunx hemm l-oħra biex tieqfilha.

Barra minn hekk, huwa veru li baqa' superpotenza waħda?

Għax jekk l-Unjoni Ewropea stess għadha tibża mir-Russja, għalkemm jingħad li issa m'għadiex superpotenza, għalmenu fid-daqs u l-qies li kellha qabel, ċertament li mhux ta' min jarmiha.

Kieku ma kellhiex ċerta saħħa ma kienx ikun hemm għalfejn l-Unjoni Ewropea tibża minnha u tipprova ddaħħal pajjiżi mill-ex Unjoni Sovjetika biex l-Istati Membri l-antiki jkollhom lil ħaddieħor fuq il-fruntieri mar-Russja.

Kieku r-Russja m'għadhiex b'saħħitha u għadhom jibżgħu minnha, ma kienx hemm għalfejn il-pajjiżi li kienu taħt il-ħakma ta' l-ex Unjoni Sovjetika jiddaħħlu wkoll fin-**NATO** barra li applikaw ukoll biex jissieħbu fl-Unjoni Ewropea.

Anki l-fatt li l-Unjoni Ewropea qed tespandi u issa għandha l-armata tagħha li huwa ppjanat li jkollha mijiet ta' ajruplani tal-gwerra u numru kbir ta' bastimenti tal-gwerra jfisser li se ssir superpotenza, u għaldaqstant anki l-bastimenti miltari tagħha u ta' l-Istati Membri tagħha m'għandhomx jitħallew jidħlu fil-portijiet Maltin u jissewwew fir-tarznari Maltin.

Hawnhekk irrid nenfasizza li l-Kostituzzjoni għandha tiġi nterpretata b'mod wiesha u mhux dejjaq, u t-tarznari tar-Repubblika ta' Malta m'għandhomx jittieħdu biss bħala t-tarznari ta' Bormla u tal-Marsa, imma anki tarznari privati, għax inkella ma nkunux qed nosservaw il-kelma u l-ispirtu tal-Kostituzzjoni.

Kull interpretazzjoni oħra li fiha tarznari privati jitħallew isewwu dawn il-bastimenti militari tkun tfisser biss li nkunu qed induru mal-Kostituzzjoni u niksruha, kemm fil-kelma u kemm fl-ispirtu, u nkunu qed niksru l-provvedimenti tan-newtralita u non-allinjament.

Dwar jekk l-Unjoni Ewropea hijiex se ssir superpotenza, il-Prim Ministru Ingliż Tony Blair stess ġie rrapurtat fl-EUobserver.com tas-6 ta' Ottubru tas-sena 2002, li waqt diskors li kien qiegħed jagħmel fil-Borża tal-Polonja ġewwa Varsavja, fil-Polonja,

tkellem dwar il-visjoni tiegħu li l-Unjoni Ewropea ssir superpotenza. Kull kumment ieħor ikun żejjed.

**<u>Il-Ġurament ta' Lealta'</u>**

Tajjeb li issa naraw ukoll x'tgħid il-Kostituzzjoni ta' Malta dwar il-ġurament tal-ħatra tal-Membri Parlamentari qabel dawn ikunu jistgħu jieħdu sehem fix-xogħol tal-Kamra tar-Rappreżentanti, jew kif jafuha xi wħud, il-Parlament.

Il-Kostituzzjoni ta' Malta tgħid li kull Membru Parlamentari jrid jieħu l-ġurament ta' lealta' lejn il-Poplu u r-Repubblika ta' Malta u l-Kostituzzjoni tagħha qabel huwa jkun jista' jieħu sehem fil-laqgħat tal-Parlament.

Il-Prim Ministru, Ministru u Segretarju Parlamentari jieħdu wkoll ġurament ieħor tal-kariga tagħhom.

Artiklu 68 tal-Kostituzzjoni ta' Malta jgħid li,

**"Ebda membru tal-Kamra tad-Deputati ma jitħalla jieħu parti fil-proċeduri tal-Kamra (barra minn proċeduri meħtieġa għall-finijiet ta' dan l-artikolu) sakemm ma jkunx ħa u ffirma quddiem il-Kamra l-ġurament ta' lealta':**

**Iżda l-elezzjoni ta' l-iSpeaker u Deputy Speaker tista' ssir qabel ma l-membri tal-Kamra jkunu ħadu u ffirmaw il-ġurament."**

Artikolu 89 tal-Kostituzzjoni jipprovdi dwar ġurament ieħor li jrid jieħu kull Ministru u Segretarju Parlamentari. Dan jgħid li,

**"Ministru jew Segretarju Parlamentari ma għandux jidħol għad-dmirijiet tal-kariga tiegħu jekk ma jkunx ħa u ffirma l-ġurament ta' lealta' u l-ġurament għall-qadi xieraq tal-kariga tiegħu murija fit-Tielet u fit-Tieni Skeda li jinsabu ma din il-Kostituzzjoni."**

Ħa naraw issa l-ġurament li jieħdu l-Membri Parlamentari kollha skond it-Tielet Skeda.

**"Ġurament ta' Lealta'**
**Jiena ……… sollennament naħlef/niddikjara li nkun tassew fidil u leali lejn il-Poplu u r-Repubblika ta' Malta u l-Kostituzzjoni tagħha. (Hekk Alla jgħini)."**

Il-ġurament ta' Prim Ministru Ministru jew Segretarju Parlamentari skond it-Tieni Skeda.

**"Ġurament għall-qadi xieraq tal-kariga ta' Prim Ministru jew Ministru ieħor jew Segretarju Parlamentari.**
**Jiena ……… sollennament naħlef/niddikjara li naqdi fedelment u skond il-kuxjenza d-dmirijiet tiegħi bħala (Prim Ministru/Ministru/Segretarju Parlamentari) skond il-Kostituzzjoni u l-liġijiet ta' Malta, mingħajr biża jew favur. (Hekk Alla jgħini)."**

Meta wieħed jaqra u jifhem il-ġurament ta' lealta' lejn il-Poplu u r-Repubblika ta' Malta u l-Kostituzzjoni tagħha, huwa car daqs il-kristall jekk dawn il-ġuramenti nkisrux u qed jinkisru kull darba meta qed jitħallew daqstant bastimenti militari fil-portijiet Maltin u bastimenti tal-gwerra ta' superpotenza jitħallew jissewwew, anzi l-ħaddiema tat-tarznari jiġu mhedda mill-Gvern Nazzjonalista biex isewwuhom, fit-tarznari Maltin.

## X'Qal Iżjed il-Gvern Nazzjonalista

Skond il-Kummissjoni,

**"Il-memorandum kellu dan xi jgħid fuq il-kwistjoni tas-sehem fl-istituzzjonijiet tal-Komunita'.**

**'Il-Gvern Malti jifhem li l-applikazzjoni ta' Malta tidher li tqajjem qabel iż-żmien il-kwistjoni ta' l-iżvilupp istituzzjonali għall-Komunita'. Il-Gvern Malti jaqbel mal-Kummissjoni li l-mistoqsijiet dwar "is-sehem xieraq fl-istituzzjonijiet tal-Komunita" jistgħu jkunu "maħlula fil-manjiera xierqa fin-negozjati tad-dħul". Il-Gvern Malti għalhekk iħares 'il quddiem għall-proposti tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni ta' Malta."**

Ma jistax ikun ċar aktar minn hekk kif il-Gvern Nazzjonalista wera li kien lest li jaċċetta kundizzjonijiet u drittijiet li jkunu inqas minn ta' Stati Membri oħra, għaliex kieku veru ried li Malta tingħata l-istess drittijiet bħal Stati Membri oħra kif jixirqilha u kif għandha dritt, ma kienx jgħid li lest li jinnegozja fuq dawn l-affarijiet, imma kien jgħid u jagħmilha ċara mill-ewwel li jrid l-istess drittijiet daqs Stati Membri oħra.

Fuq kollox, Malta u ċ-ċittadini Maltin u Għawdxin kien se jkollhom l-istess obbligi daqs Stati Membri oħra u ċ-ċittadini tagħhom u jħallsu l-istess taxxi bħalhom. Mela jekk ikollhom l-istess obbligi, kif ma jingħatawx l-istess drittijiet?

Mela huwa veru li s-sħubija ta' Malta fl-Unjoni Ewropea se tkun tat-tielet klassi, għax jekk ikollok l-istess obbligazzjonijiet imma ma jkollokx l-istess drittijiet, hekk ifisser.

Kif jista' wieħed jinnegozja bis-serjeta' meta minn qabel jgħid lil dak li jkun se jinnegozja miegħu li lest jaċċetta drittijiet inqas milli jkun ingħata ħaddieħor?

Min ikun negozjatur tajjeb jitlob aktar biex ikun jista' jinnegozja, mhux jitlob inqas minn qabel. Din ma kienet xejn ħlief djufija tal-Gvern Nazzjonalista quddiem l-Unjoni Ewropea.

## Il-Problemi

Fl-artiklu 9 ta' l-Avis, il-Kummissjoni tkompli tgħid li,

**"L-analiżi fl-ewwel parti ta' dan id-dokument hija fuq il-punti mqajjma fir-rapport tal-Kummissjoni ta' l-24 ta' Ġunju 1992 u fil-memorandum tal-Gvern Malti, li jagħti attenzjoni speċjali għall-mistoqsijiet ewlenin imqajjma bl-applikazzjoni ta' Malta jiġifieri (namely):**

(i) **iż-żmien meħtieġ mill-Gvern Malti biex jimmodernizza l-ekonomija, jadattaha għal-livelli Ewropej biex Malta tkun tista' tagħmel kontribut dinamiku għall-Unjoni ekonomika u monetarja."**

Il-Kumissjoni hawnhekk qed tgħid ċar u tond li l-ħtieġa li l-Gvern Malti jimmodernizza l-ekonomija mhijiex għal wiċċ Malta u ċ-ċittadini Maltin u l-Għawdxin, iżda biex Malta tkun tista' tagħmel kontribut għall-Unjoni Ewropea fil-qasam ekonomiku u monetarju.

Fi kliem ieħor, biex nagħtu lill-Unjoni Ewropea u mhux biex nieħdu minn għandha.

Mhux hekk biss imma.

Dan il-kontribut irid ikun **dinamiku**, jiġifieri jkun irid jiżdied maż-żmien biex jingħata każ ta' l-iżviluppi li jkunu qed iseħħu fl-Unjoni Ewropea.

Dan ifisser li t-tibdil fl-ekonomija u kull tibdil ieħor li Malta qed ikollha tagħmel ikun irid jitkompla u jibqa' dejjem għaddej.

Mhux għal wiċċ Malta u ċ-ċittadini Maltin u Għawdxin, iżda biex Malta tkun tista' tagħti kontribut dinamiku lill-Unjoni Ewropea.

## Tibdil Kostituzzjonali

Kontra dak li qiegħed jingħad issa mill-Gvern Nazzjonalista, il-Kummissjoni kienet qalet mill-ewwel li l-Kostituzzjoni ta' Malta kienet se tkun ta' problema minħabba l-provvedimenti tan-newtralita' u non-allinjament.

Fil-fatt, artiklu 9(ii) jgħid li, u hawnhekk huwa mportanti li nerġa' ndaħħal ukoll l-ewwel biċċa' ta' dan l-Artiklu,

**"L-analiżi fl-ewwel parti ta' dan id-dokument hija fuq il-punti mqajjma fir-rapport tal-Kummissjoni ta' l-24 ta' Ġunju 1992 u fil-memorandum tal-Gvern Malti, li jagħti attenzjoni speċjali għall-mistoqsijiet ewlenin imqajjma bl-applikazzjoni ta' Malta jiġifieri (namely) :**

**(ii) "Is-sitwazzjoni politika u t-tibdil kostituzzjonali li jrid isir biex Malta tkun tista' tieħu sehem sħih fil-politika barranija u sigurta' komuni, minkejja l-istatus ta' newtralita' u non-allinjament imħares/imqaddes fil-Kostituzzjoni Repubblikana."**

Minn dan il-paragrafu naraw kemm il-Kummissjoni mill-ewwel kienet għarfet li biex Malta tieħu sehem fil-politika barranija u sigurta' komuni tagħha, trid bilfors tagħmel tibdil fil-Kostituzzjoni tagħna biex ma tinkisirx l-istess Kostituzzjoni.

Mhux biss, imma rrikonoxxiet ukoll li l-prinċipji tan-newtralita' u non-allinjament li huma mħarsa u mqaddsa fil-Kostituzzjoni ta' Malta huma ta' xkiel.

Dan jikkuntrasta bil-kbir ma dak li jgħidu l-kelliema tal-Gvern Nazzjonalista' li jgħidu li n-newtralita' u non-allinjament m'humiex ta' xkiel.

Il-Gvern Nazzjonalista qiegħed jikser il-Kostituzzjoni mhux biss minħabba li qiegħed iħalli numru kbir ta' bastimenti militari fil-portijiet tagħna u ġiehel lill-ħaddiema tat-tarzna jsewwu l-bastimenti tal-gwerra Amerikani, imma anki minħabba li diġa' wiegħed li se jibgħat suldati Maltin biex jieħdu sehem fl-armata ta' l-Unjoni Ewropea, **liema suldati se jkunu bħala parti mill-kontinġent Taljan u taħt il-kmand tat-Taljani li mhumiex marbuta li jagħmlu biss operazzjonijiet ta' żamma tal-paċi.**

Barra minn hekk, kif rajna qabel, l-għan minn dejjem kien li l-Unjoni Ewropea ssir Stat Federali Ewropew u superpotenza Ewropea, ħaġa li għadha kif ġiet ikkonfermata mill-Prim Ministru Tony Blair li wera l-viżjoni tiegħu dwar kif l-Unjoni Ewropea għandha ssir superpotenza.

Għaldaqstant, is-sehem tas-suldati Maltin fl-armata ta' l-Unjoni Ewropea jkun sehem f'armata ta' superpotenza bi ksur sfaċċat tal-provvedimenti tan-newtralita' u non-allinjament fil-Kostituzzjoni ta' Malta, mhux biss għax inkunu qed nagħtu faċilitajiet militari lil superpotenza, imma saħansitra nkunu niffurmaw parti mill-armata tagħha.

**Hawnhekk tajjeb li l-Maltin u l-Għawdxin jaħsbu ftit u jaraw jekk, irrispettivament mill-ksur tal-Kostituzzjoni, minħabba dan is-sehem u anki forsi minħabba avventuri militari li l-Unjoni Ewropea jfettlilha tidħol fihom, iridux li uliedhom, ulied uliedhom, u qraba oħra tagħhom jiġu lura mejtin fil-boroż tal-plastik, jekk wara kollox jinstabu.**

## Drittijiet u Dmirijiet Differenti

Tajjeb li naraw x'kellha xi tgħid il-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea dwar is-sehem ta' Malta fl-istituzzjonijiet Ewropej u l-obbligazzjonijiet tagħha lejn l-Unjoni Ewropea. Fl-artiklu 9(iii) ta' l-Avis, il-Kummissjoni titkellem dwar,

**"il-ħtieġa għall-Komunita' li toħloq arranġamenti istituzzjonali sensibbli li jħallu lil Malta, meħud id-daqs tagħha, li tilgħab il-parti addattata fit-taħdidiet u t-teħid ta' deċiżjonijiet ta' l-istituzzjonijiet tal-Komunita' u biex twettaq l-obbligi istituzzjonali kollha tagħha bħala membru ta' l-Unjoni Ewropea."**

M'hemmx għalfejn tkun mort l-Universita' biex tinduna li dak li qiegħda tgħid il-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea huwa li s-sehem ta' Malta fl-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea jrid ikun imqabbel mad-daqs ta' Malta.

Fi kliem ieħor, Malta ma jkollhiex l-istess drittijiet daqs l-Istati Membri l-oħra ta' l-Unjoni Ewropea.

Biex ikomplu jogħrku l-melħ fuq il-ferita, il-Kummissjoni qalet ċar u tond li Malta trid twettaq l-obbligazzjonijiet kollha tagħha bħala membru ta' l-Unjoni Ewropea.

Tajjeb hekk, hux veru. Għall-obbligazzjonijiet daqs ħaddieħor għax hemmhekk ma jidħolx id-daqs, imma għad-drittijiet le, għax id-drittijiet jiddependu fuq id-daqs ta' Malta.

Jista' xi ħadd jaċċetta ħniżrijiet bħal dawn ħlief jekk ikun lagħaqi servili ta' l-aktar livell baxx u lagħaqi tal-barrani?

## Karatteristiċi Ewlenin

Fl-artiklu 10, il-Kummissjoni kompliet tagħti tagħrif dwar Malta, u kompliet tgħid li,

**"Ir-Repubblika ta' Malta hija magħmula minn tliet gżejjer żgħar b'total ta' 316 kilometru kwadru ta' art u popolazzjoni ta' 360,000 ruħ li tagħmilha wieħed mill-aktar nazzjonijiet iffullati fl-Ewropa (1130 abitant kull kilometru kwadru). Il-Prodott Gross Nazzjonali stmat tagħha huwa ta' 5630 ECU[11], li huwa konsiderevolment inqas mill-medja tal-Komunita', inqas minn ta' Spanja jew l-Irlanda imma aktar minn tal-Grecja jew il-Portugall."**

Kumment li rrid nagħmel hawnhekk huwa kif minkejja li l-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea stess għarfet li dak iż-żmien meta kien għad hawn madwar 40,000 ruħ inqas milli hawn illum, ma aċċettatx li l-Gvern Malti jżomm kontroll fuq ix-xiri ta' proprjeta' mill-barranin f'Malta.

Jekk konna l-aktar pajjiż iffullat fl-Ewropa dak iż-żmien, illum sirna aktar minħabba li l-popolazzjoni kompliet kibret, u aktar insiru jekk inħallu liċ-ċittadini minn kull Stat Membru jkollom id-dritt li jixtru l-proprjeta' kif trid l-Unjoni Ewropea u kif kellu jaċċetta bilfors il-Gvern Nazzjonalista.

Fil-fatt, illum għandna 1266 abitant kull kilometru kwadru skond l-istess Unjoni Ewropea, zieda ta' 136 ruħ kull kilometru kwadru.

Dan juri kemm dak li tiddeċiedi l-Unjoni Ewropea li tqis lil kulħadd l-istess ma jgħoddx għal Malta.

Qies wieħed, libsa waħda, żarbun wieħed l-istess qies għal kulħadd hija ereżija kbira, għaliex jew kollox ma jkunx jiġik jew ikun jiġik baħar.

Imma għall-Unjoni Ewropea m'hemmx eċċezzjonijiet. Kollox l-istess għall-kulħadd.

## Il-Kummissjoni Tfakkar l-Istorja

F'dan l-artiklu, il-Kummissjoni kompliet tgħid li,

**"Malta saret indipendenti f'Settembru 1964, wara li kienet dipendenza (kolonja) Ngliża mill-1814. Il-Kostituzzjoni tal-1964 tat lill-gżejjer monarkija kostituzzjonali, bir-reġina Ngliża bħala sovrana, u gvernatur ġenerali Ngliż. Il-Kostituzzjoni ggarantiet is-separazzjoni tal-poter, u stabbiliet demokrazija parlamentari msejsa fuq il-votazzjoni.**

**Il-Kostituzzjoni ġiet emendata l-ewwel darba fl-1974, meta Malta saret Repubblika, imbagħad fl-1987, meta l-pajjiż addotta status newtrali – li jipprojbixxi s-sehem tagħha f'kull allejanza militari – u politika ta' non-allinjament, għalkemm Malta baqgħet bħala membru fil-Commonwealth. Emendi għall-Kostituzzjoni jinħtieġu maġġoranza ta' żewġ terzi fil-parlament Malti."**

---

[11] Madwar Lm2345

Dawn iż-żewġ paragrafi huma mill-aktar interessanti għaliex ifakkru l-istorja ta' kif Malta kienet saret kolonja Ngliża, u kif il-Maltin u l-Għawdxin ġralhom bħal ma jgħid il-qawl li qabżu **"Minn ġo t-taġen għal ġo n-nar"** meta talbu lill-Ingliżi jgħinuhom jeħilsu mill-Franċiżi.

Se nerġgħu issa naqbżu għal ġo n-nar meta lanqas qegħdin fit-taġen għax ninsabu ħielsa minn kull ħakma tal-barrani?

B'dawn iż-żewġ paragrafi, bla ma riedet, il-Kummissjoni ħarġet affarijiet li juru min tassew jaħdem fl-interess ta' Malta, kif ukoll li l-Kostituzzjoni tinħtieġ żewġ terzi tal-voti fil-Parlament biex tinbidel.

Ħabat tajjeb ukoll li l-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea fakkret li Malta saret kolonja tar-Renju Unit fl-1814.

Dan għaliex għalkemm l-Ingliżi kienu għenu lill-Maltin biex jeħilsu mill-Franċiżi, huma kellhom kull interess li jżommu lil Malta bħala bażi militari tagħhom f'nofs il-Mediterran biex ikomplu jkabbru l-ħakma tagħhom u jħarsu l-interessi ta' l-Imperu Ingliż madwar id-dinja.

Fil-fatt, Malta kienet ingħatat lir-Renju Unit fit-Trattat ta' Amiens li kien iffirmat fis-sena 1814, u kien għalhekk li l-Kummissjoni qalet li Malta kienet saret dipendenza, jew aħjar kolonja, tar-Renju Unit f'dik is-sena.

Irridu ninnotaw ukoll li bla ma riedet, il-Kummissjoni fakkret li minkejja li Malta kienet ingħatat l-indipendenza fl-1964, xorta waħda bqajna bir-Regina Ngliża, Kap ta' Stat barrani, bħala l-Kap ta' Stat tagħna.

Mhux biss, imma jekk il-Gvernatur Ingliż bħala rappreżentant tar-Regina ma kienx jiffirma xi liġi li kien jagħmel il-Parlament Malti, dik il-liġi ma kinitx tiswa għax il-Gvernatur Ingliż ma jkunx taha l-kunsens tiegħu.

Dan kien ifisser li minkejja li suppost konna indipendenti u l-Parlament Malti seta' jagħmel il-liġijiet, kull liġi riedet il-kunsens tal-Gvernatur Ingliż bħala rappreżentant tar-Regina Ingliża li kienet baqgħet il-Kap ta' Stat ta' Malta, u jekk ma jingħatax dak il-kunsens, il-liġi li jkun għamel il-Parlament Malti ma tkun tiswa xejn.

Jista' jkun hemm min jgħid li l-Gvernatur dejjem kien jagħti l-kunsens tiegħu, imma teknikament seta' ma jagħtihx.

Anki jekk fl-aħħar mill-aħħar kien jagħti l-kunsens tiegħu, xorta waħda jkun għamel ostakli u fixkel lill-Gvern Malti fil-ħidma tiegħu.

Daqshekk kienet tfisser l-indipendenza farsa li kien ingħata l-Gvern Nazzjonalista.

Jista' xi ħadd ikun tassew indipendenti meta l-Kap ta' Stat tkun reġina barranija?

Setgħet Malta tkun tassew indipendenti jekk biex tgħaddi liġi kienet trid il-kunsens tal-Kap ta' Stat barrani li qabel kien il-ħakkiem tagħha?

Tajjeb li nfakkar ukoll lil dawk li ma jiftakrux, li minkejja li Malta suppost kienet saret indipendenti, il-Gvern Ingliż żamm id-dritt li juża kull parti tal-gżejjer Maltin, meta, kif, fi x'ħin u bil-mod li jrid.

Il-Gvern Ingliż seta' wkoll iġib il-pulizija tiegħu hawn Malta u kellu wkoll il-poter li jarresta lil min irid u għal kull raġuni li jidhirlu huwa.

Il-portijiet u l-ajruport kienu baqgħu jintużaw mill-bastimenti tal-gwerra Ingliżi, Amerikani u tal-pajjiżi tan-NATO, u l-ewwel kien jidħol jew joħroġ bastiment militari jew jitla' jew jinżel ajruplan militari, imbagħad dawk ċivili u tat-turisti.

Tista' tkun tassew indipendenti meta gvern barrani jibqa' jkollu dawn is-setgħat kollha ġewwa pajjiżek?

Il-vilta' hija li minkejja li l-Gvern Nazzjonalista kien ilu mill-indipendenza fit-tmun tal-pajjiż, u dan kien għal 7 snin sħaħ bejn l-1964 u l-1971, għax ma rridx ngħodd bejn l-1962 u l-1964 sakemm ingħatajna l-indipendenza, ma kien għamel xejn biex ineħħi din is-sitwazzjoni umiljanti u servili.

Anki jekk wieħed jaċċetta li minħabba li konna kolonja kellna naċċettaw dawn l-affarijiet, malli ħadna l-indipendenza ma kien hemm xejn xi jżomm lill-Gvern Nazzjonalista, kieku tassew ried u kieku kien tassew Nazzjonalista, li jibdel kollox bħala Gvern ta' **Stat Indipendenti u Sovran**.

Madankollu, kif għarfet il-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea stess, u dan kellha tagħmlu bilfors għax l-istorja ma jista' jħassarha ħadd, kellu jkun il-Gvern Laburista li malli tela' u ingħata l-ġurament fl-1971, kien neħħa l-Gvernatur Ingliż u għamel Gvernatur Malti, u fi żmien 3 snin, minkejja t-tfixkil enormi li sab mill-istess Partit Nazzjonalista u mill-forzi imperjalisti u kolonjalisti li għad għandna fostna sal-lum, kien għamel lil Malta Repubblika bil-Kap ta' Stat Malti u mhux aktar barrani.

Ħaġa oħra mill-aktar importanti li l-Kummissjoni stess kellha tagħraf kienet il-ħtieġa li biex tinbidel il-Kostituzzjoni kien hemm ħtieġa li jkun hemm żewġ terzi tal-voti tal-Membri Parlamentari. Dan ikompli joħroġ aktar ċar 'il quddiem fl-istess avis.

Meta din tittieħed flimkien ma l-għarfien tal-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea stess li aktar qabel kienet qalet li biex Malta tkun tista' tieħu sehem fil-politika barranija u ta' sigurta' komuni kif ukoll fid-difiża komuni ta' l-Unjoni Ewropea kellha tinbidel il-Kostituzzjoni, huwa ċar daqs il-kristall li l-istess Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea għarfet li jekk ma jkunx hemm il-kunsens u tkun mibdula l-Kostituzzjoni, kull sehem f'din il-politika jkun qiegħed isir bi ksur ta' l-istess Kostituzzjoni.

Għaldaqstant, is-sehem tal-Gvern Nazzjonalista fil-politika barranija u ta' sigurta' komuni kif ukoll fl-armata ta' l-Unjoni Ewropea, u hawn jidħol ukoll is-sehem fil-PfP, ifisser li skond l-istess Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea qiegħed isir bi ksur tal-Kostituzzjoni ta' Malta minħabba l-ksur tal-klawsoli tan-newtralita' u non-allinjament.

Dan ifisser ukoll li b'dak li qalet il-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea stess, il-fatt li l-Unjoni Ewropea qed tħalli, anzi nkuraġġiet lill-Gvern Nazzjonalista biex jieħu

sehem fil-politika barranija u ta' sigurta' komuni kif ukoll fl-armata tagħha, l-Unjoni Ewropea stess saret ukoll kompliċi mal-Gvern Nazzjonalista fil-ksur tal-Kostituzzjoni ta' Malta bħala l-aqwa liġi ta' kull pajjiż.

B'dak li qalet il-Kummissjoni meta' bagħtet l-Avis tagħha dan in-nhar, qiegħda tikkundanna dak li qiegħda tagħmel illum l-istess Unjoni Ewropea flimkien mal-Gvern Nazzjonalista.

Fuq kollox, kif nistgħu nistennew li l-barrani jħares u josserva l-Kostituzzjoni tagħna meta l-istess Gvern Nazzjonalista qiegħed jiksirha u jkażbarha?

Aktar 'il quddiem, irridu naraw min se jkunu dawk il-Membri Parlamentari li se jkunu lesti li jiksru l-ġurament ta' lealta' u fedelta' lejn il-Poplu u r-Repubblika ta' Malta u l-Kostituzzjoni tagħha u jittradixxu l-prinċipji tan-newtralita u non-allinjament kif imħarsa fil-Kostituzzjoni ta' Malta biex Malta terġa' ssir bażi militari tal-barrani u ċ-ċittadini Maltin u Għawdxin jerġgħu jservu ta' tapit għall-barrani.

**<u>Id-Defiċit fil-Kummerċ</u>**

Il-Kummissjoni eżaminat il-kummerċ ta' Malta speċjalment mal-Komunita', u waslet għall-konklużjoni li Malta ma kienet se tagħmel ebda effett fuq il-kummerċ ta' l-Unjoni Ewropea minħabba ċ-ċokon tagħha. Fil-fatt, il-Kummissjoni qalet fl-artiklu 11 ta' l-Avis li,

**"B'riżorsi naturali estremament limitati, spazju żgħir u suq domestiku żgħir ħafna, l-ekonomija tiddependi ħafna fuq il-kummerċ barrani u fuq it-turiżmu (primarjament mill-Komunita'), li jagħmel parti sostanzjali mill-Prodott Gross Nazzjonali tal-pajjiż u jgħin ħafna biex ipatti għad-defiċit[12] fil-kummerċ. Aktar minn tliet kwarti tal-kummerċ barrani Malti fil-prodotti u s-servizzi huma mal-pajjiżi tal-Komunita'."**

Għalkemm il-kummerċ dak iż-żmien kien l-aktar mal-pajjiżi ta' l-Unjoni Ewropea, aktar kien naqas u bdejna jkollna aktar kummerċ ma pajjiżi oħra. Il-Kummissjoni kompliet tgħid ukoll li,

**"Meħud id-daqs ta' Malta, il-potenzjal ekonomiku tagħha u l-volum tal-kummerċ tagħha mal-Komunita', is-sħubija ta' Malta ma jkollha ebda riperkussjonijiet diretti ta' natura kbira għall-ekonomija tal-Komunita'."**

Ma kienx hemm għalfejn tiġi l-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea biex tgħidilna li Malta ma kienx se jkollha effett fuq il-Komunita' issa l-Unjoni Ewropea, għaliex jekk wieħed iqis il-kobor ta' Malta u l-Kummerċ tagħna jkun qisu qatra f'oċean meta jitqabbel mal-kobor u l-kummerċ li tagħmel l-Unjoni Ewropea.

Madankollu, tant kien se jkun hemm effett min-naħa ta' l-Unjoni Ewropea fuq Malta jekk Malta ssir membru, li l-Kummissjoni ħasset li kellha tikkonċentra l-avis tagħha fuq dan l-effett. Fil-fatt, il-Kummissjoni qalet li,

---

[12] Defiċit ifisser meta inti tkun qed tonfoq aktar milli taqla. Fil-każ tal-kummerċ, dan kien ifisser li aħna nixtru aktar milli nbiegħu lill-ħaddieħor

**"Konsegwentament, dan id-dokument primarjament se jistma l-impatt li sħubija jkollha fuq l-ekonomija u s-soċjeta' Maltija, u fuq kif il-Komunita' (issa l-Unjoni Ewropea) taħdem."**

Innutaw li l-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea wżat il-kelma **impatt** biex tfisser kif is-sħubija se taffettwa l-ekonomija u s-soċjeta' Maltija.

Tajjeb li wieħed ikun jaf li l-kelma **impatt** hija mfissra fid-dizzjunarju tal-Kaptan Pawlu Bugeja bħala **"ħabta qawwija, laqta', kollizzjoni"**.

Għaldaqstant, il-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea stess kienet taf u fissret kemm is-sħubija fl-Unjoni Ewropea kienet se tolqot u kien se jkollha ħabta qawwija fuq l-ekonomija u s-soċjeta' Maltija, u kif din il-ħabta kienet se tfarrak lill-ekonomija u s-soċjeta' Maltija.

Dan wieħed jista' jagħrfu faċilment, għaliex jekk wieħed iqabbel l-Unjoni Ewropea ma ġgant u Malta ma tarbija, kemm ekonomikament u kemm bħala soċjeta', huwa ċar daqs il-kristall min imur minn taħt jekk ikun hemm ħabta qawwija bejniethom.

Kulħadd jaf min imur minn taħt jekk jaħbtu trakk tal-ġebel jew trakk tal-linja ma' karozza żgħira.

Għaldaqstant, dan intqal biex ħadd ma jkun jista' jakkuża lill-Kummissjoni jew lill-Unjoni Ewropea li ma kienux wissew liċ-ċittadini Maltin u Għawdxin dwar il-konsegwenzi tas-sħubija.

Qed taraw kemm joqgħodu attenti kif ippoġġu l-kliem tal-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea u kull min ikun għaqli u makakk?

## L-Ilsien Malti

Waqt li fil-paragrafu 12 il-Kummissjoni qalet li s-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u l-istituzzjonijiet f'Malta ma kinux ta' tħassib, li s-saħħa u s-sigurta' fuq il-post tax-xogħol kif ukoll l-ugwaljanza bejn is-sessi kienu qrib tal-Komunita'[13], kompliet tgħid li,

**"… Il-Kostituzzjoni tgħid li l-Malti huwa l-ilsien nazzjonali, imma l-Malti u l-Ingliż huma uffiċjalment rikonoxxuti u wżati."**

Aktar 'il quddiem, fl-artiklu 38, il-Kummissjoni kienet qalet li,

**"Fil-każ ta' Malta, l-eżistenza ta' żewġ ilsna uffiċjali – li wieħed minnhom huwa l-Ingliż – iħalli li wieħed jara l-possibbilta' ta' arranġamenti prattiċi biex jiskansaw id-dħul ta' lsien uffiċjali ieħor fil-Komunita'…."**

[13] Paragrafu 12 ta' l-Avis jgħid li, "Is-sitwazzjoni dwar id-drittijiet tal-bniedem f'Malta ma jagħtix lok għal xi tħassib jew kumment. L-istituzzjonijiet tal-pajjiż jaħdmu fil-manjiera kif jixraq u sodisfaċenti. Il-liġijiet Maltin dwar l-impjieg, partikolarment għal dak li għandu x'jaqsam mas-saħħa u s-sigurta' fuq ix-xogħol u l-ugwaljanza għan-nisa u l-irġiel, huma qrib mhux ħażin ta' dawk ta' l-Istati Membri tal-Komunita'."

Dak li kienet qalet il-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea f'dawn iż-żewġ paragrafi mhux biss kien insult mill-akbar għaċ-ċittadini Maltin u Għawdxin kollha li huma patrijotti u kburin b'ilsiena, imma juru ċar daqs il-kristall li ċ-ċittadini Maltin u Għawdxin kienu se jkunu stmati ta' ċittadini tat-tielet klassi u li l-ilsien Malti ma kienx se jiddaħħal bħala lsien uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

**Kieku ma kienx hekk, għalfejn il-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea għamlet enfasi fuq li kemm il-Malti u kemm l-Ingliż huma rikonoxxuti uffiċjalment fil-Kostituzzjoni?**

**Kieku ma kienx hekk, għalfejn il-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea qalet illi "wieħed jara l-possibbilta' ta' arranġamenti prattiċi biex jiskansaw id-dħul ta' lsien uffiċjali ieħor fil-Komunita'."?**

Min jaf kif Dun Karm, Mikiel Anton Vassalli, u dawk il-patrijotti kollha li kienu ħadmu biex l-ilsien Malti jingħata l-ġieħ u l-post xieraq u onorabbli li jixraqlu, tqallbu f'qabarhom meta l-Kummissjoni kelha l-wiċċ tost u vili li toħroġ bi proposta bħal din.

Trid tkun veru traditur li ma jixraqlikx li tkun tissejjaħ Malti jew Għawdxi jekk inti tkun lest li taċċetta insulti mill-aktar gravi bħal dawn, u jkun tassew jixraqlek il-qawl Malti li jgħid li **"Min jiċħad l-art twelidu, miżbla żibel lanqas tridu".**

Imma l-pjan hemm kien kif qalet il-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea stess.

L-ilsien Malti ma kienx jiddaħħal bħala lsien uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea jekk Alla ħares qatt Malta ssir membru kieku l-Partit Laburista u għaqdiet oħra ma tkellmux kontra din il-ħniżrija u oxenita'.

Għaldaqstant, minħabba li tkellem il-Partit Laburista u għaqdiet oħra kif ukoll minħabba l-effetti ħżiena kollha li s-sħubija ta' l-Unjoni Ewropea se jkollha fuq Malta, l-addozzjoni ta' l-ilsien Malti bħala lsien uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea saret biex tipprova taljena liċ-ċittadini Maltin u Għawdxin minn fuq l-effetti ħżiena tas-sħubija u biex taparsi jintwera li l-Partit Laburista u dawk li tkellmu ma kellhomx raġun.

Saret ukoll biex l-Unjoini Ewropea turi kemm taparsi tistma l-ilsien Malti, meta fil-fatt aktar qabel fl-avis kienet qalet il-kontra, għaliex riedet tiskansa li jiddaħħal ilsien uffiċjali ieħor fil-Komunita', issa l-Unjoni Ewropea.

Waqt li kont qed nikteb din il-parti, għadu kif ġie mħabbar li fil-gazzetta Guardian fuq l-internet li l-Gvern Nazzjonalista irrinunzja għall-użu ta' l-ilsien Malti waqt il-Kunsill li jmiss u minflok l-ilsien Malti se jintuża l-ilsien l-Ingliż.

Dan huwa r-rispett li l-Gvern Nazzjonalista qiegħed juri lejn l-ilsien Malti, għalkemm ħadd m'għandu jiskanta daqs kemm kienu jiftaħru li l-ilsien tagħna għandu jkun it-taljan u li l-ilsien Malti huwa tajjeb biss għall-kċina.

**<u>Min Iħares l-Interessi Maltin</u>**

Il-Kummissjoni kellha turi bilfors liema partit f'Malta l-aktar li jħares l-interessi tal-Maltin u liema partit minn dejjem ried ibiegħ l-interessi ta' Malta u taċ-ċittadini Maltin u Għawdxin lill-barrani.

Dan joħroġ bl-aktar mod ċar mill-ftit paragrafi ta' l-Avis li se naraw flimkien mingħajr ma jkolli nagħmel ħafna kumenti. Fl-artiklu 13 ta' l-Avis, il-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea kienet qalet li,

**"L-arena politika f'Malta hija – u dejjem kienet – dominata miż-żewġ partiti l-kbar, il-Partit Nazzjonalista, li huwa ta' tendenzi Demokristjani, u l-Partit Laburista, li flimkien għandhom kważi l-voti kollha u alternaw fil-poter.**

**Il-pożizzjoni taż-żewġ partiti fuq il-politika barranija, speċjalment għal dak li għandu x'jaqsam mar-relazzjonijiet mal-Komunita', kienu tradizzjonalment opposti għal xulxin."**

Fl-artiklu 14, il-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea kompliet tgħid li,

**"Il-Partit Nazzjonalista, li bħal issa huwa fil-poter, minn dejjem ried irbit eqreb ma' l-Ewropa. Kien <u>il-Gvern Nazzjonalista</u> li ffirma l-Ftehim ta' Assoċjazzjoni ta' l-1970, u kien <u>Gvern Nazzjonalista</u> li ssottometa l-applikazzjoni ta' Malta għal sħubija fl-1990 u sussegwentament <u>aċċetta l-obbligazzjonijiet kollha</u> li joħorġu mit-Trattati, inkluż <u>it-Trattat ta' Maastricht</u>, u l-memorandum imsemmi hawn fuq."**

L-ewwel kumment li jrid jingħad huwa kemm il-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea wriet l-arroganza tas-soltu tagħha meta qalet li l-Partit Nazzjonalista minn dejjem ried irbit eqreb ma l-Ewropa għax kien iffirma l-ftehim ta' Assoċjazzjoni fl-1970.

L-arroganza qegħda għaliex il-ftehim ma kienx ma l-Ewropa, imma mal-Komunita' Ekonomika Ewropea, li ċertament li ma kinitx u lanqas hija l-Ewropea.

Għaldaqstant, il-fatt li l-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea qabblet lill-Unjoni Ewropea ma l-Ewropa jfisser mhux biss arroganza, imma juri wkoll l-intenzjoni ta' l-Unjoni Ewropea li tkompli tinfirex biex taħtaf taħtha l-pajjiżi kollha ta' l-Ewropa.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea għarfet il-fatt li l-Partit Nazzjonalista minn dejjem kien irid li Malta tkun tagħmel parti minn xi pajjiż Ewropew.

Jekk wieħed jaqra l-istorja ta' Malta jsib li l-Partit Nazzjonalista minn dejjem kien jaħdem biex Malta ssir tagħmel parti mill-Italja, tant li kienu jitkellmu bit-Taljan u jqisu l-ilsien Malta bħala l-ilsien tal-popolin, baxx u tal-kċina.

Minn dawn iż-żewġ paragrafi, huwa wkoll ċar daqs il-kristall kemm minkejja li Malta kienet għadha kif ingħatat l-indipendenza ftit snin qabel, il-Partit Nazzjonalista mill-ewwel kien qata' qalbu li jmexxi lil Malta u wera kemm ma kellux fiduċja fil-Maltin

li kapaċi jmexxu lilhom infushom meta reġa' mar jiġri lura lejn il-barrani li kien jaħseb li jista' jmexxi lil Malta aħjar mill-Maltin stess.

Kif kien reġa' għamel meta' tefa' l-applikazzjoni tiegħu biex Malta ssir membru ta' l-Unjoni Ewropea u kif qiegħed ikompli jagħmel issa.

Mhux biss, imma agħar minn hekk huwa dak li kienet qalet l-istess Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea li l-Gvern Nazzjonalista kien aċċetta l-obbligazzjonijiet kollha li joħorġu mit-Trattati, inkluż it-Trattat ta' Maastricht, li kif rajna fi bnadi oħra f'dan il-ktieb, kien qanqal problemi kbar fl-istess Stati Membri ta' l-Unjoni Ewropea u kien anki se jwassal biex jaqgħu gvernijiet f'dawn l-Istati Membri.

Min-naħa l-oħra, fl-artiklu 15 ta' l-Avis, il-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea tagħti ċertifikat mill-aqwa lill-Partit Laburista dwar kemm iħares l-interessi ta' Malta u taċ-ċittadini Maltin u Għawdxin u qatt ma kien lest li jaċċetta l-loqom. Hija qalet li,

**"Il-Partit Laburista, li kien fil-poter bejn l-1971 u l-1987, minn dejjem kien kritiku tal-Fehim ta' Assoċjazzjoni, u tal-fehma li l-konċessjonijiet kummerċjali u l-livelli ta' għajnuna tal-Komunita' ma kinux biżżejjed. Il-Partit ċaħad li jaqbel ma l-applikazzjoni għas-sħubija sottomessa mill-Gvern Nazzjonalista, u jargumenta li s-sitwazzjoni soċjali u ekonomika Maltija ma kinitx kompatibbli ma' l-istruttura tal-Komunita'. Il-Partit Laburista jemmen li sħubija sħiħa jkollha impatt negattiv, u ppropona alternattiva għar-relazzjonijiet mal-Komunita' li tinvolvi żona ta' kummerċ ħieles għal prodotti industrijali fuq perjodu ta' bejn 15 u 20 sena, flimkien ma sensiela ta' miżuri biex isaħħu l-koperazzjoni politika u teknika.**

**Fl-elezzjonijiet miżmuma fi Frar 1992, il-Partit Nazzjonalista żied il-maġġoranza għal 51.8% ta' voti mitfuha, waqt li l-Partit Laburista naqqas il-voti għal 46.5%."**

Wieħed jista' jara kemm il-Partit Laburista minn dejjem ried li tiġi żviluppata żona ta' kummerċ industrijali ħieles fuq perjodu twil, li kif qalet il-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea, kellu jkun ta' bejn il-15 u 20 sena.

Dan ifisser li meta jsir dan il-ftehim, il-levies kellhom jitneħħew fuq dak it-tul ta' żmien biex l-industriji jiżviluppaw b'mod li ma jkollhomx ħtieġa ta' levies ta' protezzjoni għax ikunu saru kompetittivi fil-qasam internazzjonali.

Dan huwa eżattament kontra dak li għamel il-Gvern Nazzjonalista li qiegħed ineħħi l-levies ta' protezzjoni fi żmien qasir b'mod li qiegħed ifarrak lill-industriji kollha għax hekk kien ordnat jagħmel mill-Unjoni Ewropea.

Dwar l-impatt negattiv, jiġifieri ħażin u kontra l-interessi ta' Malta, diġa' ġbidt l-attenzjoni li kienet l-istess Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea li qalet dan aktar qabel.

Għaldaqstant, il-Kummissjoni stess tagħti kredibilita' lil dak li kien u għadu jsostni l-Partit Laburista, li sħubija ma taqbilx għal Malta.

## L-Interessi ta' Malta

Il-Kummissjoni stess turi kif il-Partit Laburista qatt ma aċċetta l-applikazzjoni tal-Gvern Nazzjonalista biex isieħeb lil Malta fl-Unjoni Ewropea għax sħubija qatt ma kienet fl-interess ta' Malta.

Il-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea stess tkompli turi wkoll kif il-Partit Laburista dejjem baqa' konsistenti fil-politika tiegħu dwar in-newtralita' u non-allinjament, u kemm mhux lest jaċċetta loqom u l-kundizzjonijiet umiljanti li tagħti l-Unjoni Ewropea lill-Gvern Nazzjonalista.

Dan kollu joħroġ mill-artiklu 16 fejn il-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea qalet li,

**"Ir-riżultat ta' dawn l-elezzjonijiet ġab bidla fil-qalb tal-Partit laburista, li ħatar team ġdid ta' tmexxija li addotta politika inqas iebsa lejn kwistjonijiet Ewropej. Madankollu, il-Partit jibqa magħqud mal-prinċipji tan-newtralita' u non-allinjament kif imħarsa mill-Kostituzzjoni, u jkompli joppponi s-sħubija fiċ-ċirkostanzi preżenti. Huwa aċċetta li l-Gvern jista' jibda negozjati għad-dħul, imma minn qabel jiċħad ir-riżultat ta' xi taħdidiet bħal dawn u l-kundizzjonijiet li Malta tkun obbligata li taċċetta."**

B'dan il-paragrafu, il-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea tagħti l-isbaħ ċertifikat lill-Partit Laburista u wriet, bla ma riedet, kemm il-Partit Laburista dejjem ħadem u żamm quddiemu l-interessi ta' Malta u taċ-ċittadini Maltin u l-Għawdxin qabel l-interessi tal-barranin.

Mhux biss, imma l-istess Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea taf li se jkollha terġa' tinnegozja kollox mal-Gvern Laburista li jmiss għaliex hija stess qalet li Gvern Laburista jiċħad ir-riżultat tat-taħdidiet u kundizzjonijiet li Malta, jew aħjar li l-Gvern Nazzjonalista, jkun obbligat li jaċċetta f'isem Malta.

Il-Kummissjon ta' l-Unjoni Ewropea għarfet ukoll l-importanza tal-Partit Laburista meta kompliet tgħid li,

**"L-appoġġ tal-Partit Laburista, u ta' l-interessi li jirrappreżenta għall-miżuri ta' ristrutturazzjoni meħtieġa għas-sħubija, jistgħu jagħmlu aktar faċli s-suċċess tar-riformi u għalhekk l-addozzjoni ta' l-acquis communautaire".**

B'dan il-paragrafu, il-Kummissjoni mhux biss għarfet l-importanza tal-Partit Laburista, imma jekk wieħed jifhem sewwa dak li qalet isib li Malta jkollha taddotta l-"acquis communautaire", jiġifieri dawk il-liġijiet u regolamenti kollha tagħha li jlaħħqu aktar minn 80,000 paġna u li dejjem qed ikomplu jiżdiedu.

Minn din m'hemmx għażla u derogi. L-aktar li jista' jingħata huwa dak magħruf bħala perjodu transitorju, jiġifieri ftit żmien biex jiddaħħlu, imma llum jew għada xorta jridu jiddaħħlu.

**Aktar dwar in-Newtralita'**

Fil-paragrafi li jmiss, il-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea tkompli turi kif, minkejja dak li jgħid il-Gvern Nazzjonalista, il-provvedimenti tan-newtralita' u non-allinjament fil-Kostituzzjoni ta' Malta jridu jinbidlu biex jekk Malta ssir membru, tieħu sehem fil-politika barranija u ta' sigurta' komuni kif ukoll f'difiża komuni.

Fl-artiklu 17, il-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea qalet li,

**"In-newtralita' ta' Malta ġiet imdaħħla fil-Kostituzzjoni fl-1987 bl-addozzjoni ta' emenda li tgħid li 'Malta hija Stat newtrali li jrid attivament jilħaq il-paċi…billi jħaddan politika ta' non-allinjament u jirrofta li jipparteċipa f'kull allejanza militari." Din l-emenda tipprojbixxi t-twaqqif ta' bażijiet militari fuq it-territorju Malti."**

Dan ma kienx l-uniku paragrafu dwar in-newtralita u non-allinjament, kemm għaliex diġa' rajna aktar qabel li saret referenza għalihom fil-paragrafi ta' qabel kif ukoll għaliex hemm diversi referenzi għalihom f'paragrafi oħra.

Fil-fatt, fl-artiklu 19, il-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea tkompli tgħid li,

**"L-istqarrija tal-Gvern Malti li huwa fl-interess tal-pajjiż li jissieħeb fil-politika barranija u ta' sigurta' komuni ma jbiddilx il-fatt li jista' jkun meħtieġ li tiġi emendata l-Kostituzzjoni jekk Malta trid tieħu sehem sħiħ f'dik il-politika kif tiżviluppa fis-snin li ġejjin. Emenda bħal din tinħtieġ maġġoranza ta' żewġ terzi fil-Parlament."**

B'dan il-paragrafu, il-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea mhux biss reġgħet ikkonfermat li biex Malta tieħu sehem fil-politika barranija u ta' sigurta' komuni trid tinbidel il-Kostituzzjoni b'żewġ terzi tal-Parlament, imma kienet qed tikkundanna lill-Gvern Nazzjonalista li kien wiegħed minn qabel li kien se jikser il-Kostituzzjoni meta jieħu sehem f'din il-politika, kif ukoll kundanna minn qabel meta aktar tard kien daħħal lil Malta fil-PfP li hija organizzazzjoni militari mmexxija min-**NATO**.

Il-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea kienet qed tikkundanna lilha nfisha, lill-Unjoni Ewropea u lill-Gvern Nazzjonalista meta aktar tard mhux biss aċċettat, imma ħeġġet lill-Gvern Nazzjonalista biex jibgħat is-suldati Maltin u Għawdxin jieħdu sehem fl-armata tagħha, kif ukoll ordnatlu, bħala Gvern ta' pajjiż kandidat għas-sħubija, biex jimxi fuq il-politika barranija u ta' sigurta' komuni tagħha.

Ftakru li l-Gvern Nazzjonalista kien qal ukoll li mhux biss jaċċetta t-Trattati kollha inkluż it-Trattat ta' Maastricht, imma li Malta tieħu sehem ukoll **"f'azzjonijiet flimkien"**, li jfisser li kien lest li jibgħat lis-suldati Maltin u Għawdxin jieħdu sehem f'azzjonijiet militari flimkien ma' l-armata ta' l-Unjoni Ewropea u ma' forzi militari oħra skond kif tkun tinħtieġ l-Unjoni Ewropea.

Wieħed irid jiftakar ukoll li s-suldati Maltin fl-armata ta' l-Unjoni Ewropea se jkunu jagħmlu parti mill-kontingent taljan u taħt il-kmand Taljan meta l-Italja m'hijiex marbuta bl-ebda mod man-newtralita' u non-allinjament u se tieħu sehem f'kull azzjoni u mhux biss fiż-żamma tal-paċi.

It-tisħiq kontinwu li hemm fl-Avis fuq in-newtralita' u non-allinjament iqanqlu tħassib li jekk Malta ssir membru ta' l-Unjoni Ewropea, se jkun hemm pressjoni kbira, kif kien hemm fuq l-Irlanda fil-każ tar-referendum dwar it-Trattat ta' Nizza, biex dawn il-klawsoli jitneħħew mill-Kostituzzjoni ta' Malta.

Aktar 'il quddiem għad irridu naraw, jekk jinqala l-każ, u j'Alla qatt ma jinqala, min se jkunu dawk il-Ġudiet Maltin u Għawdxin Membri Parlamentari, li se jagħtu l-bewsa ta' Ġuda lill-klawsoli tan-newtralita' u non-allinjament fil-Kostituzzjoni ta' Malta biex jaqdu lill-barrani, kif ukoll il-bewsa ta' Ġuda lill-uliedna biex jitqatlu u jinqatlu għall-barrani.

Dwar liema partit l-aktar jimxi fuq politika barranija li taqbel għall-Malta jew jimxi bil-għama fuq il-politika barranija ta' l-Unjoni Ewropea, wieħed jista' jara mill-artiklu 18 ta' l-Avis, fejn il-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea qalet li,

**"Għalkemm fil-passat Malta żammet relazzjonijiet mill-qrib mal-Libja u ċerti pajjiżi tal-blokk kommunista, mat-tibdil fil-gvern fl-1987, il-politika saret tħares aktar lejn l-Ewropa, partikolarment l-Italja. Malta hija membru tal-Ġnus Magħquda, tal-Konferenza fuq is-Sigurta' u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa u tal-Kunsill ta' l-Ewropa, u hija attiva fil-grupp 5+5 li l-membri l-oħra tiegħu huma l-erba Membri tal-Komunita' li għandom il-fruntieri tagħhom fil-Punent tal-Mediterran (Spanja, il-Portugall, Franza u l-Italja) u l-ħames pajjiżi ta' l-Unjoni tal-Magreb (il-Mawretanja, il-Marokk, l-Alġerija, it-Tuneżija u l-Libja)."**

## L-Għaqda Doganali

Il-kelliema tal-Partit Nazzjonalista spiss kienu u għadhom jgħidu li bil-ftehim li ried jagħmel il-Partit Laburista, kien se jkun marbut bi ftehim li jwassal għall-għaqda doganali ma' l-Unjoni Ewropea.

Imma sewwa jgħid il-qawl Malti li **"Il-qaħba milli jkollha tagħtik"**, għaliex il-paragrafu li jmiss jikxef il-qerq tal-Partit Nazzjonalista li huwa mgiddeb mill-istess Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea.

Fl-artiklu 20 ta' l-acquis jingħad li,

**"Ir-relazzjonijiet ta' Malta mal-Komunita' huma regolati mil-Ftehim ta' Assoċjazzjoni ffirmat fil-5 ta' Dicembru 1970, li kien daħal fis-seħħ fl-1 ta' April 1971.**

**Dan jipprovdi għall-ħolqien ta' għaqda doganali f'żewġ stadji ta' ħames snin il-wieħed, għaqda doganali hija mfissra bħala t-tneħħija ta' l-ostakli kollha għall-kummerċ bejn iż-żewġ partijiet u l-addozzjoni tat-tariffa komuni tal-Komunita' minn Malta.**

**Wara l-elezzjoni tal-Gvern Laburista li tela' fil-poter f'Ġunju 1971, it-tieni stadju qatt ma ngħata bidu għalih, u l-akkwisti tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni baqgħu ristretti għall-progress magħmul matul l-ewwel snin ta' l-ewwel stadju, li ġie mtawwal fuq bażi regolari sa' mill-1977."**

Il-Kummissjoni stess qalet li l-ftehim kien iffirmat f'Diċembru 1970, u daħal fis-seħħ fl-1 ta'April 1971 meta kien hemm il-Gvern Nazzjonalista.

Il-Kummissjoni stess qalet li l-Gvern Laburista tela' fil-Gvern f'Ġunju 1971 meta diġa' kien daħal fis-seħħ il-ftehim, u għalhekk ma setgħax kien il-Gvern Laburista li kien iffirmah.

Il-Kummissjoni stess qalet li dan il-ftehim kien jipprovdi għall-għaqda doganali u l-addozzjoni tat-tariffa komuni tal-Komunita' minn Malta.

Il-Kummissjoni stess qalet li l-Gvern Laburista qatt ma kompla għaddej għat-tieni stadju fejn kellha tiddaħħal l-għaqda doganali li kien iffirma għaliha il-Gvern Nazzjonalista.

Issa jekk dan mhuwiex ċertifikat mill-aqwa għall-Gvern Laburista li dejjem ġedded il-ftehim bla ma daħħal it-tariffa doganali komuni biex iħares l-interessi ta' Malta u ta' kundanna għall-ipokresija tal-Gvern u l-Partit Nazzjonalista ma nafx x'jista' jkun aktar.

Tgħid il-fatt li dan il-ftehim kellu jidħol, u fil-fatt daħal fis-seħħ **fl-1 ta' April**, jum il-boloħ, kien biex l-Unjoni Ewropea turi li kienet innegozjat ma' Gvern iblaħ u li kienet qed tgħaddi ż-żmien bil-Gvern Nazzjonalista bil-ftehim li kienet irnexxilha tbellalu?

Meta reġa' kien hemm il-Gvern Nazzjonalista fl-1987, il-mexxejja tiegħu riedu mhux biss li jkun hemm għaqda doganali ma' l-Unjoni Ewropea imma riedu jmorru 'l bogħod aktar min hekk, tant li riedu sħubija sħiħa.

Fil-fatt, il-Kummissjoni tgħid fl-artiklu 21 li,

**"Meta l-Partit Nazzjonalista rritorna fil-poter fl-1987, il-Gvern madankollu naqas li jerġa' jvara l-proċess ta' għaqda doganali maħsuba fil-ftehim ta' l-1970, u argumenta li wara dak il-perjodu twil, dħul bħala membru sħiħ fl-Unjoni Ewropea kien l-unika oġġettiv prattikabbli.**

**Konsegwentament, u f'kuntrast mal-prattika ta' l-Assoċjati l-oħra tal-Komunita', ir-regoli tal-ftehim ta' Assoċjazzjoni ma rriżultawx fil-ftuħ gradwali ta' l-ekonomija Maltija għall-kompetizzjoni Ewropea u t-tibdil tal-liġijiet, prattika u l-għemil kompetittiv fil-linja ta' mudelli tal-Komunita', bir-riżultat illi, bħal ma l-artikoli li ġejjin juru, it-transizzjoni meħtieġa biex Malta tiġi ntegrata fil-Komunita' hija akbar kunsiderevolment."**

Huwa ċar daqs il-kristall li l-Gvern Nazzjonalista kien jaf li sħubija sħiħa kienet se titfa' piżijiet kbar fuq il-poplu Malti u Għawdxi li kienu se jfarrku l-ekonomija tiegħu, imma minħabba l-iffissazzjoni lejn l-Unjoni Ewropea, ma kinux jinteressawh it-tbatijiet li l-poplu Malti u Għawdxi kien se jkollu jgħaddi minnhom, basta jilħaq l-għanijiet tiegħu li jerġa' jġib lil Malta kolonja tal-barrani.

Mhux biss, imma dak li qalet il-Kummissjoni juri kemm il-Gvern Nazzjonalista qatt ma kien negozjatur tajjeb, għaliex anki kieku kien jemmem li veru Malta kellha tkun fl-Unjoni Ewropa, qatt ma kellu jgħid li l-uniku oġġettiv prattikabbli, jiġifieri li l-

unika triq għal Malta kienet biss sħubija sħiħa. Min jagħmel hekk qatt ma jkun jista' jakkwista l-aħjar kundizzjonijiet fin-negozjati tiegħu

**L-Ekonomija u l-Bażi Militari**

Tajjeb li issa ngħaddu ftit għall-aspett ekonomiku ħalli naraw x'kellha xi tgħid il-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea fuq l-analiżi tagħha dwar l-ekonomija Maltija.

Fl-artiklu 24, li għandu t-titolu "L-ekonomija: il-mixja lejn l-integrazzjoni mal-Komunita'," il-Kummissjoni tgħid li,

**"Mid-deċiżjoni tal-Gvern Malti li jtemm il-preżenza militari Ngliża fuq il-gżejjer, u b'hekk titneħħa għajn maġġura ta' mpjiegi, l-iżvilupp ekonomiku ta' Malta ġie essenzjalment imsejjes fuq it-tmexxija 'l quddiem ta' ndustriji li jħaddmu ħafna nies u billi tagħmel użu mir-riżorsi turistiċi tagħha…"**

Hawnhekk tajjeb li ngħidu li l-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea għamlet żball.

L-ewwel nett, l-impjiegi mas-servizzi Ngliża kienu naqsu ħafna u ma kinux għadhom għajn maġġura ta' mpjiegi. Dan jafu kulħadd għaliex it-tarzna ta' Bormla kienet ilha li spiċċat minn għand l-ammiraljat Ingliż.

Barra minn hekk, ir-Renju Unit kien ilu jnaqqas l-eluf ta' ħaddiema li kellu miegħu għaliex ma setgħax jibqa' jżomm il-bażijiet militari li kellu qabel.

Ried biss iżomm l-inqas numru ta' ħaddiema possibbli u jħallas l-inqas ammont ta' flus għall-bażi militari li kellu f'Malta.

Għaldaqstant, anki kieku Malta permezz tal-Gvern Laburista ma riditx tneħħi l-bażi militari u tibqa' bil-periklu kollu li din iġġib magħha, il-ftit impjiegi li l-Gvern Ingliż permezz tas-servizzi kif ukoll mal-ftit flus li ried iħallas għall-kera ma kinux iħallu lil Malta tiżviluppa jekk ma kinitx kapaċi tiżviluppa l-fabbriki fejn ħadmu eluf kbar ta' ħaddiema kif ukoll is-settur turistiku.

Madankollu, għall-Gvern Laburista, it-tneħħija tal-bażi militari tal-Gvern Ingliż kienet importanti għaliex mhux biss kienet se tneħħi l-periklu kollha li din iġġib magħha, mhux biss għaliex il-ftit impjiegi, u anki li kieku hafna, ma jiġġustifikawx il-periklu l-ħin kollu fuq iċ-ċittadini Maltin u Għawdxin, imma għaliex bit-tneħħija tal-bażi militari Ngliża kien jitneħħa l-aħħar ħjiel tal-kolonjaliżmu minn fuq wiċċ il-gżejjer Maltin.

Minkejja kollox, xorta jibqa' l-fatt li kien il-Gvern Laburista li kien ħeles lill-Malta mill-bażi barranija, għaliex li kien għall-Gvern Ingliż, kien jibqa' jżomm il-bażi tiegħu f'Malta bl-inqas spejjeż possibbli, kif għamel u għadu jagħmel ġewwa Ċipru.

Anzi Ċipru jinsab f'sitwazzjoni agħar, għaliex f'Ċipru, il-Gvern Ingliż żamm il-bażijiet militari tiegħu separati u taħt is-sovranita' tar-Renju Unit, jiġifieri huma meqjusa li huma territorju tar-Renju Unit u mhux ta' Ċipru. Dan minkejja li Ċipru suppost kien ingħata l-indipendenza.

Agħar minn hekk, minkejja li r-Renju Unit għandu l-bażijiet tiegħu ġewwa Ċipru, ma kien għamel xejn biex iwaqqaf lit-Turkija milli tinvadi lill-Ċipru u taqsmu fi tnejn kif għadu hekk sa' llum.

Daqshekk jindaħal il-barrani biex jipproteġi lil dak il-pajjiż li jkollu bażijiet fih jekk għalmenu ma jkunx hemm theddida għall-istess bażijiet u għall-interessi tiegħu kif kien il-każ ta' Malta fl-aħħar gwerra.

Għalkemm iż-żminijiet jinbidlu u bilfors ikollok tirranġa l-affarijiet, jew kif inhija l-moda li jingħad illum, "tirristruttura", dawn l-affarijiet kollha juru l-irrisponsabbilta' tal-Gvern Nazzjonalista li fuq l-ordni ta' l-Unjoni Ewropea qiegħed ifarrak is-setturi ta' l-industrija u t-turiżmu bir-regolamenti ta' l-Unjoni Ewropea li qiegħed idaħħal u li ma jgħoddux għalina.

Dan l-artiklu jkompli juri l-importanza tas-settur industrijali u turistiku meta jgħid li,

**"Ir-Repubblika għandha popolazzjoni attiva ta' xi 135,000 ruħ, b'rata ta' qagħad ta' madwar 4.5%. Is-settur pubbliku, inkluża l-aministrazzjoni ċentrali u servizzi mmexxija mill-Istat, jipprovdu aktar minn 40% ta' l-impjiegi kollha tal-gżejjer.**

**L-industriji tal-manifattura ta' Malta għandhom 28% tal-valur miżjud, 23% ta' l-impjiegi totali u 52% ta' l-esportazzjoni tal-pajjiż ta' prodotti u servizzi.**

**Malta marru madwar 900,000 turist fl-1991, meta s-settur turistiku kellu madwar 23% tal-Prodott Gross Domestiku, li serva għal 25% ta' l-importazzjoni tal-pajjiż…"**

L-importanza tas-setturi tal-manifattura u t-turiżmu jidhru mill-istess figuri li kienu jikkontribwixxu lejn l-impjiegi kif ukoll lejn l-esportazzjoni u l-Prodott Gross Domestiku.

Wieħed jara wkoll li meta l-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea kienet tat l-opinjoni tagħha, il-qagħad taħt il-Gvern Nazzjonalista diġa' kien għola u kien ta' madwar 4.5% jew iżjed minn 6,000 ruħ bla xogħol.

Tinsewx ukoll li skond kif qalet il-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea, l-istess informazzjoni kien tahielha l-istess Gvern Nazzjonalista li kellu kull interess li juri li l-affarijiet kienu sejrin tajbin. Għaldaqstant, in-numru ta' nies bla xogħol aktarx li kien akbar milli fil-fatt kien intqal.

**Il-Biedja**

Dan l-istess artiklu juri kemm il-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea mill-ewwel ħasbet biex tifrex is-sodda għal meta s-settur tal-biedja jkollu jiżżarma jekk Malta ssir membru ta' l-Unjoni Ewropea. L-artiklu jkompli jgħid li,

**"L-agrikoltura hija mxekkla bin-nuqqas ta' art tajba biex tinħadem u n-nuqqas ta' ilma, bir-riżultat li l-importanza tagħha hija insinjifikanti għall-ekonomija**

**tal-pajjiż : hija laħħqet biss għal 3.4% tal-Prodott Gross Nazzjonali u 2.4% ta' l-impjiegi totali fl-1990."**

L-ewwel li jrid jiġi nnutat huwa li minkejja li kif qalet l-istess Kummissjoni, is-settur tal-biedja hija mxekkla bin-nuqqas ta' art u ilma, it-2.4% ta' l-impjiegi totali tagħha ħolqu aktar ġid meta mqabbla mal-kumplament tal-ħaddiema l-oħra, għaliex il-produzzjoni tagħhom laħħqet 3.4% tal-Prodott Gross Nazzjonali.

Mela li ma kellhiex dawk l-iżvantaġġi kollha x'kienet tagħmel?

Barra minn hekk, dan huwa settur mill-aktar importanti, għaliex għalkemm dejjem irridu nimpurtaw l-ikel minn barra għaliex huwa mpossibbli li nipproduċu kemm għandna ħtieġa, ħadd u l-ebda Gvern fid-dinja għal ħafna raġunijiet differenti ma jrid li jkun jiddependi għal kollox fuq l-importazzjoni għall-affarijiet ta' l-ikel.

Fl-istess ħin, il-fatt li minkejja li din tat kontribut ta' 3.4% għall-Prodott Gross Domestiku, il-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea sejħet l-importanza tagħha bħala insinjifikanti, jiġifieri tant hija żgħira li lanqas titqies u li lanqas hemm għalfejn wieħed jagħti kas tagħha.

Huwa għalhekk li meta Gunter Verheugen kien hawn Malta qal ċar u tond lir-rappreżentanti tal-bdiewa li s-settur tal-biedja tant huwa żgħir li mhux ta' min joqgħod jaħli ħin fuqu biex iwieġibhom fuq il-mistoqsijiet li riedu jagħmlulu.

Dan mhux biss juri kif l-Unjoni Ewropea ma tikkalkulax lis-settur tal-biedja f'Malta, imma juri wkoll li Verheugen beża' jwieġeb għax inkella l-bdiewa jkunu jafu s-sewwa ta' kif se jinqerdu jekk Malta ssir membru ta' l-Unjoni Ewropea u ma jivvutawx favur is-sħubija, għaliex kif jgħid sewwa l-qawl Malti, **"Il-mistoqsija oħt il-għerf"** u t-tweġibiet tiegħu kienu jikxfu dak kollu li jridu jinħeba mill-bdiewa Maltin u Għawdxin.

Dan huwa sinjifikanti minħabba li skond paġna 166 – 167 ta' l-Economic Survey Jannar – Settembru 1992, kien hemm madwar 3,000 bidwi reġistrati full-time u 13,000 stmati li huma part-time.

Għaldaqstant, is-sewwa jrid jinħeba minnhom għax dan huwa numru sinjifikanti ta' voti li mhux ta' min jitlifhom.

L-Agrikoltura kompliet tiġi eżaminata fit-tieni parti ta' l-Avis[14], fejn il-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea eżaminat aspetti speċifiċi.

Hija identifikat is-sussidji li jingħataw il-bdiewa Maltin u Għawdxin li nafu li ma jistgħux jibqgħu jingħataw minħabba r-regolamenti ta' l-Unjoni Ewropea fejn is-settur agrikolu, bħal setturi oħra, huwa regolat speċifikament.

Il-Kummissjoni daħlet ukoll fis-settur ta' l-ipproċessar ta' l-ikel, u qalet li,

[14] Artiklu 1 tat-tieni parti

**"L-effett tad-dħul fuq l-industriji ta' l-ipproċessar ta' l-ikel li issa qegħdin jaħdmu b'kapital u dħul mhux Ewropew iridu jiġu msemmija. Fuq naħa waħda, prodotti Maltin ikollhom aċċess ħieles għas-suq komuni, li jħajjar proċessar lokali, waqt li ditti mhux Ewropej jistgħu jiġu mibdula b'intrapriżi tal-Komunita' li jkunu jridu jieħdu vantaġġ mis-sistema l-ġdida."**

Hawnhekk għandna konferma li l-Unjoni Ewropea trid li ditti mhux Ewropej jittellqu minn Malta biex jinbidlu minn ditti ta' l-Unjoni Ewropea.

B'hekk mhux biss ikomplu jorbtu s-suq ma' kumpaniji tagħha, imma wara li Malta tkun ħelset mill-kumpaniji mhux Ewropej ma tkunx tista' tinnegozja kundizzjonijiet kif jaqbel lilha, għaliex il-kumpaniji jkunu kollha ta' l-Unjoni Ewropea li huma marbutin bil-kundizzjonijiet ta' l-istess Unjoni Ewropea.

B'hekk, Malta tkun qed tagħmel kontra dak il-qawl Malti li jgħidlek biex **"Qatt tqiegħed il-bajd kollu f'bixkilla waħda",** għax jekk taqa' tagħmel l-akbar froġa.

Tajjeb li wieħed jinnota lil-Kummissjoni qalet li l-kumpaniji barranin jistgħu jiġu **mibdula b'intrapriżi tal-Komunita' li jkunu jridu jieħdu vantaġġ mis-sistema l-ġdida.**

Fi kliem ieħor, il-fabbriki ta' l-ipproċessar ta' l-ikel jieħdu vantaġġ minn fuq il-ħaddiema Maltin u Għawdxin għaliex il-pagi tal-ħaddiema Maltin u Għawdxin huma ħafna inqas minn dawk ta' ħaddiema minn Stati Membri oħra bħal ma huma l-Ġermanja, Franza eċċ.

Dan ifisser li la darba huma jieħdu vantaġġ mis-sistema l-ġdida ma jkunux iridu jżidu l-pagi u l-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema Malitn u Għawdxin għaliex inkella ma jieħdux vantaġġ.

Qed taraw kemm qalbhom taħraqhom l-mexxejja ta' l-Unjoni Ewropea għall-ħaddiema Maltin u Għawdxin u kemm iridu li l-industrijalisti tagħhom jesplojtaw lill-ħaddiema Maltin u Għawdxin?

Barra minn hekk, biex nerġgħu lura lejn l-agrikoltura, iċ-ċokon ta' art agrikola jfisser li jkollna nimpurtaw ħafna affarijiet ta' l-ikel, speċjalment prodfotti agrikoli, minn barra. Dawn jinkludu prodotti bħal ma huma ħalib, ġobon, butir, ċereali, laħam u affarijiet bħal dawn.

Jekk Malta ssir membru ta' l-Unjoni Ewropea jkollna nimpurtaw kollox mill-Unjoni Ewropea bi prezzijiet għola milli wieħed isib fis-swieq internazzjonali, waqt li ma jkunx hemm il-vantaġġ li dawn niksbuhom bi prezzijiet irħas għaliex jekk nimpurtawhom minn barra mill-Unjoni Ewropea jkollna nħallsu d-dazju u levies li kollha jmorru għall-Unjoni Ewropea.

Fl-istess waqt, minħabba li bħalissa dak li jiġi esportat mill-Unjoni Ewropea għandu sussidju, jaqblilna li nimpurtaw ċerti affarijiet mill-Unjoni Ewropea, imma dan il-vantaġġ itir mar-riħ jekk Malta ssir membru għaliex dawn is-sussidji jgħoddu biss jekk l-esportazzjoni tkun għal pajjiżi li m'humiex membri.

Dan iwassal għal għoli fil-prezzijiet li kif diġa’ għedt huma ħafna aktar milli wieħed isib fis-swieq internazzjonali.

Wieħed jista’ jkun jaf dawn l-affarijiet jekk jitkellem ma’ nies li huma ċittadini ta’ xi Stat Membru, imma l-aktar ma ċittadini Ngliżi li qabel kienu jimpurtaw ħafna affarijiet mill-pajjiżi l-oħra tal-Commonwealth, fosthom l-Awstralja u New Zealand.

Dawn jgħidulkom li malli saru membri ta’ l-Unjoni Ewropea mhux biss splodew il-prezzijiet, imma kellhom jitolbu permess biex ikunu jistgħu jkomplu jimpurtaw l-affarijiet mingħandhom, fejn l-Unjoni Ewropea mhux biss timponi l-ħlas ta’ dazju u levies, imma anki kemm tkun tista’ timporta mingħandhom.

Ftakru li dawk li jridu jdaħħlu lil Malta fl-Unjoni Ewropea jagħmlu minn kollox biex l-affarijiet jidhru sbieħ u jaħbu affarijiet li ma jkunux sbieħ.

Imma tajjeb li tistaqsu u tagħmlu kif jgħid il-qawl Malti li jgħidlek **“Staqsi lill-imġarrab, mhux lit-tabib”.**

## Statistika u Djun

Tajjeb li nfakkar li aktar qabel, il-Kummissjoni ta’ l-Unjoni Ewropea tefgħet il-piż fuq il-Gvern Nazzjonalista meta qalet li l-opinjoni tagħha hija msejsa fuq informazzjoni u statistika mibgħuta lilha mill-Gvern Nazzjonalista.

Wieħed jista’ ma jaqbilx mal-figuri ta’ l-istatistika, għaliex kif jgħidu, hemm gideb, hemm gideb imxajtan, u hemm l-istatistika.

Madankollu, tajjeb li naraw ftit l-istatistika maħruġa mill-istess Gvern Nazzjonalista biex naraw min tassew għamel id-dejn li l-poplu Malti qiegħed iġorr il-piż tiegħu u li llum tela’ għal 77 miljun lira imgħax fis-sena.

Dan huwa mportanti ħafna għaliex jekk Alla ħares qatt Malta ssir membru ta’ l-Unjoni Ewropea, irridu ndaħħlu bilfors il-munita ewro ta’ l-Unjoni Ewropea, imma biex inkunu nistgħu nagħmlu hekk, id-dejn irid ikun fil-parametri stabbiliti mill-Unjoni Ewropea li jfissru sagrifiċċji u taxxi akbar milli għandna llum fuq il-poplu Malti u Għawdxi.

Jekk wieħed jaqbad l-Annual Abstract of Statistics tas-sena 1992 u jara tabella 15, paġna 247, insibu li waqt li d-dejn nazzjonali fl-1986 meta kien għad hemm Gvern Laburista id-dejn nazzjonali kien ta’ kważi 63 miljun liri Maltin, dan tela’ għal kważi 87 miljun liri Maltin fl-ewwel sena ta’ Gvern Nazzjonalista fl-1987.

Mill-istess tabella, wieħed jara li sa l-1992, dan id-dejn sploda u tela’ għal kważi 246 miljun lira Maltin. Dan ifisser li f’sitt snin ta’ Gvern Nazzjonalista, id-dejn tal-Gvern tela bi kważi 4 darbiet dak li kien qabel.

Jekk wieħed kellu jara d-djun li għandu l-Gvern li huma aktar minn elf miljun lira Maltin u magħhom jingħaddu wkoll id-djun ta’ korporazzjonijiet, illum huwa aktar minn sitt darbiet li kien fl-1992 u aktar minn 24 darba aktar milli kien meta’ kien hemm Gvern Laburista.

Biex taraw kemm is-sitwazzjoni hija kerha, wieħed irid jiftakar li meta spiċċa l-Gvern Laburista fl-1987, kien ħalla aktar minn 440 miljun lira riservi fil-kaxxa ta' Malta.

Fi kliem ieħor, fiż-żmien li ilu fil-Gvern il-Gvern Nazzjonalista, nefaq ir-riservi li ħalla l-Gvern Laburista u magħhom zied madwar 1,500 miljun liri Maltin dejn tal-Gvern u korporazzjonijiet li flimkien jiġu li l-Gvern Nazzjonalista berbaq madwar 2,000 miljun lira miġbura mit-taxxi taċ-ċittadini Maltin u Għawdxin.

## Iż-żieda fil-Ħaddiema tal-Gvern

La qegħdin fuq l-istatistika u meta nafu kemm il-Gvern Laburista jiġi kkritikat li qabel niżel fl-1987 daħħal ħafna nies mal-Gvern, tajjeb li naraw ukoll li jekk immorru fuq tabella 3.8, pagna 85 ta' l-istess Annual Abstract of Statistics, it-tabella turi li bejn Diċembru 1980 u Mejju 1987, l-impjegati mal-Gvern żdiedu b'1568, minn 22621 għal 24229 jew madwar 241 fis-sena fuq medda ta' 7 snin.

Skond l-istess tabella, bejn Mejju 1987 u Settembru 1992, l-impjiegi mal-Gvern żdiedu b'5490 minn 24229 għal 29719 jew 1098 kull sena fuq 5 snin. Dawn jiġu kważi 5 darbiet aktar milli kienu żdiedu fi żmien Gvern Laburista.

Min żied l-impjiegi mal-Gvern jekk mhux l-istess Gvern Nazzjonalista li kien fil-poter?

Tinsewx li din hija statistika ppublikata mill-istess Gvern Nazzjonalista.

Illum, biex jilqa' l-kritika u biex taparsi jnaqqas l-impjiegi mal-Gvern minħabba l-Unjoni Ewropea, il-Gvern Nazzjonalista ħoloq hafna fundazzjonijiet u awtoritajiet biex tal-qalba u l-ħbieb tal-ħbieb iħokku dahar xulxin u jmorru jaħdmu magħhom b'pagi fenomenali li għalihom xorta qed iħallsu ċ-ċittadini Maltin u Għawdxin bit-taxxi tagħhom u bil-ħlas ta' mijiet u eluf ta' liri għall-applikazzjonijiet u permessi mingħandhom.

Anki hawnhekk joqgħodu tajjeb il-qwiel Maltin li jgħidu li **"Il-qaħba milli jkollha tagħtik"**, kif ukoll li **"Kieku l-ġemel jara ħotobtu, jaqa' u jmut zoptu".**

## L-Industrija

Il-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea ma tantx kellha kliem ta' tifħir għall-industrija Maltija u għall-kapaċita' tagħha li tkun tista' tikkompeti fis-suq Ewropew, kif ukoll il-problemi li kienu se joħolqu għad-dħul ta' Malta fl-Unjoni Ewropea[15].

[15] Artiklu 25 ta' l-"Avis", il-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea tÆid li, "L-ekonomija Maltija hija ekonomija żgħira, li fiha l-maġġoranza kbira (aktar minn 75%) tal-kumpaniji industrijali jħaddmu inqas minn ħames persuni. Mill-2300 kumpanija li hemm reġistrati, 61 biss (inqas minn 3%) jħaddmu aktar minn 100 impjegat u 12 biss aktar minn 300.
F'termini ta' produttivita', pagi, kapital, u kontribuzzjoni għall-Prodott Gross Nazzjonali u l-figuri ta' l-esportazzjoni tal-pajjiż, il-ħidma tal-qalba żgħira tal-kumpaniji l-kbar u ta' dik il-massa ta' kumpaniji żgħar tant hemm differenza bejniethom li huma joħolqu problemi totalment kontrastanti dwar l-integrazzjoni ta' Malta fis-Suq Wieħed Ewropew."

Mhux biss, imma l-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea tuża l-kelma **"huma"**[16] meta tirreferi għal dawk il-kumpaniji li jaħsbu li l-futur tagħhom jinsab ma' aċċess ħieles tas-suq Ewropew biex terġa' tfarfar ir-risponsabbilta' minn fuqha jekk dan ma jirriżultax kieku Malta kellha ssir membru ta' l-Unjoni Ewropea.

Il-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea kompliet tikkritika l-produttivita' u l-pagi baxxi ta' ċerti kumpaniji[17], għamlitha ċara li l-levies u l-ħitan ta' protezzjoni jridu jitneħħew, u wriet id-dubji tagħha dwar kemm kienu se jkunu kapaċi mal-kompetituri tagħhom wara t-tneħħija tal-protezzjoni[18].

Mhux biss, imma minkejja li l-Gvern Nazzjonalista kien jaf b'dawn l-affarijiet tant li kien daħħal levies[19] li suppost kellhom jintużaw biex il-kumpaniji jirristrutturaw biex isiru kompetittivi, u hawn il-Kummissjoni kienet sarkastika meta sejħet il-levy fuq l-importazzjoni bħala "**imlaqqma**"[20] minflok "**imsejħa**", dawn il-levies spiċċaw biex jintużaw għal għanijiet oħra, tant li baqa' ma sar xejn sakemm fl-aħħar ried isir kollox f'daqqa bit-tifrik kollu li dan ġab miegħu.

## <u>It-Tarznari</u>

Il-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea mill-ewwel qalet li t-tarznari jridu jirristrutturaw biex ikunu kompatibbli mal-liġi ta' l-Unjoni Ewropea. Hija qalet li,

**"Is-settur tal-bini u t-tiswija tal-vapuri huwa wieħed mill-attivitajiet industrijali ewlenin f'Malta f'termini ta' mpjiegi (4.2% ta' l-impjiegi kollha[21]) u valur miżjud. Din l-attivita', li hija sussidjata bil-kbir, tkun tinħtieġ li tiġi ristrutturata fil-każ ta' sħubija biex tilħaq ir-regoli ta' kompetizzjoni tal-Komunita'."**

---

[16] Fl-Artiklu 25, il-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea tgħid li, "Il-kumpaniji l-kbar huma primarjament involuti fl-elettronika (settur li fih, kumpanija waħda, ta' oriġini mill-Komunita', għandha 40% ta' l-esportazzjoni ta' Malta) u t-tessuti; <u>**HUMA**</u> jaraw il-futur bħala magħqud ma' l-aċċess ħieles għall-prodotti tagħhom fis-suq tal-Komunita' u tat-tkomplija tal-kompetittivita' tagħhom f'dak is-suq, speċjalment f'termini ta' spiża ta' paga għal kull prodott kontra l-kompetituri tagħhom ġewwa u barra mill-Komunita''"

[17] "Il-maġġoranza l-kbira tal-kumpaniji ż-żgħar huma mqabbda f'setturi bħal kostruzzjoni, tiswija ta' makkinarju, ikel u għamara, u primarjament jimmiraw għas-suq domestiku. Dawn il-kumpaniji għandhom aktar minn 70% ta' l-impjiegi industrijali fil-gżejjer: il-produttivita' tagħhom hija baxxa ħafna u l-pagi tagħhom ġeneralment foqra. Kważi fis-setturi kollha huma jistkennu min kompetizzjoni barranija b'liġijiet kummerċjali protettivi u b'tariffi iebsa ħafna u ħitan/ostakli (barriers) li m'humiex tariffi."

[18] Artiklu 27, "Għalkemm il-grupp iż-żgħir ta' kumpaniji industrijali Maltin jinsab f'pożizzjoni li jieħu vantaġġ mill-opportunitajiet li joħorġu minn sħubija, u jkun mgħejjun bil-modernizzazzjoni ta' l-istruttura legali u regolatoprja ta' l-ekonomija, il-biċċa l-kbira ta' l-intrapriżi industrijali tal-pajjiż ikollhom jirristrutturaw u jsiru aktar kompetittivi jekk huma jridu jlaħħqu mal-ftuħ tas-swieq tagħhom għal kompetituri Ewropej u l-iżmuntar tal-ħitan protettivi li warajhom jistkennu bħalissa."

[19] Artiklu 2, "…Fl-1989 il-Gvern Malti beda' jilliberalizza l-importazzjoni industrijali billi jibdel ir-restrizzjonijiet kwantitattivi ma' levi fuq l-importazzjoni mlaqqma "taxxa għall-protezzjoni tal-manifatturi lokali", li hija ħlas li għandu effett ekwivalenti għad-dazju, u hija miġbura flimkien mat-tariffi tad-dazju. Madankollu, minkejja dawn il-passi tal-bidu, il-livell ta' protezzjoni jibqa' għoli ħafna."

[20] "dubbed"

[21] Dan ifisser li skond ma qalet il-Kummissjoni stess, dak iż-żmien kien hemm madwar 5,600 ruħ jaħdmu fit-tarznari

M'hemmx l-iċken dubju li dak li kienet qed tgħid il-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea kien li s-sussidju lit-tarznari kellu jispiċċa biex ikunu kompatibbli mar-regolamenti kollha ta' l-Unjoni Ewropea.

Minn dan naraw kemm il-Gvern Nazzjonalista kien ilu jaf li ried jirriforma t-tarznari għax kien intqal ċar mill-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea fl-Avis tagħha, imma ma kien għamel xejn biex ir-riformi jsiru bil-mod matul is-snin u jrid jagħmel kollox f'daqqa issa minħabba li ma baqgħalux żmien u għax hekk kien ordnat li jagħmel mill-Unjoni Ewropea.

Tajjeb li ċ-ċittadini Maltin u Għawdxin ikunu jafu li l-unika għajnuna li jistgħu jingħataw it-tarznari hija biex iħarrġu l-ħaddiema qabel ikeċċuhom, biex inaqqsu l-kapaċita' tagħhom, u biex jagħlqu.

Jekk tarzna tagħlaq, l-Unjoni Ewropea ma tħallihiex terġa' tiftaħ qabel 5 snin, anki jekk id-dinja tkun infawwra bix-xogħol u t-tarznari ma jkunux jistgħu jlaħħqu miegħu.

Wara li jgħaddu ħames snin sa għaxar snin, qabel ma jingħata permess biex xi tarzna li tkun għalqet terġa' tiftaħ xi parti minnha anki jekk id-dinja tkun qed tfur bix-xogħol, il-Kummissjoni teżamina s-sitwazzjoni fit-tarznari kollha fl-Istati Membri kollha u tkun hija li tiddeċiedi jekk dan il-permess jingħatax u taħt liema kundizzjonijiet.

Jekk wieħed irid ikun jaf id-dettalji, kull ma għandu jagħmel huwa li jikkonsulta r-Regolament tal-Kunsill numru 1540/98 li kien ħareġ fid-29 ta' Ġunju 1998, u huwa ppubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea OJL 202 tat-18 ta' Lulju 1998 minn paġna 1 sa 10.

Issa tajjeb li wieħed ikun jaf li bejn l-1976 u 1990, 70% tat-tarznari ta' l-Unjoni Ewropea għalqu u 56% tal-ħaddiema kienu tkeċċew.

Dan diġa' qiegħed jiġri fit-tarznari Maltin meta l-ħaddiema qed jaraw kif jagħmlu biex inaqqsuhom skond l-ordnijiet ta' l-Unjoni Ewropea, minkejja li jafu li dan se jġib lit-tarznari mhux kapaċi li jieħdu ċertu xogħol.

Dan huwa l-futur li hemm jistenna lill-ħaddiema tat-tarznari u l-ħaddiema l-oħra Maltin u Għawdxin fl-Unjoni Ewropea.

## It-Tarznari u l-Biedja

La semmejna l-biedja u t-tarznari, tajjeb li nqabblu ftit dak li qalet il-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea biex inkomplu naraw kemm is-settur tal-biedja kien hemm pjan maħsub biex titnaqqas l-importanza tiegħu qabel jinqered bir-regolamenti ta' l-Unjoni Ewropea.

Jekk tiftakru tajjeb, aktar qabel kont għedt li skond l-Economic Survey, bejn Jannar u Settembru kien hemm madwar 3,000 bidwi full-time u madwar 13,000 ieħor part-time.

L-istess waqt, it-Tarznari skond l-istess Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea kienu jħaddmu aktar minn 5,600 ruħ.

Mela jekk it-tarznari kienu qed iħaddmu 5600 ruħ u jekk nieħdu biss it-3000 bdiewa full-time, ċertament li jekk it-tarznari ssejħilhom wieħed mill-attivitajiet ewlenin, ma tistax issejjaħ il-bdiewa bħala insinjifikanti.

Aktar u aktar jekk ma tgħoddx biss il-bdiewa full-time imma ddaħħal magħhom ukoll it-13000 bidwi part-time, għaliex anki dawn jagħtu sehemhom fil-produzzjoni u fil-Prodott Gross Nazzjonali ta' Malta.

Minn dan l-eżempju wieħed jara ċar daqs il-kristall għaliex il-Kummissjoni mill-ewwel sejħet lis-settur tal-biedja insinjifikanti, għaliex il-pjan ta' l-Unjoni Ewropea kien u għadu biex il-biedja f'Malta u f'Għawdex tinqered biex jiġi maħlula l-problemi li dan is-settur joħloq lill-Unjoni Ewropea u lill-Gvern Nazzjonalista minħabba ċerti sussidji.

Hawnhekk irrid ukoll niġbed l-attenzjoni u nuri għaliex anki s-settur tat-tarznari qiegħed jitfarrak biex tispiċċa wkoll il-kompetizzjoni lit-tarznari Ewropej.

Jekk nerġgħu nieħdu l-figuri, jekk 16000 ruħ li jaħdmu fis-settur tal-biedja ssejħu insinjifikanti u Verheugen fi kliemu stess ma riedx jaħli ħin għalihom, kemm huma insinjifikanti l-5600 ħaddiem tat-tarznari li kien hemm dak in-nhar u kemm huma inqas sinjifikanti llum meta dawn komplew naqsu bl-eluf biex il-Gvern Nazzjonaista jobdi l-ordnijiet mogħtija lilu mill-Unjoni Ewropea?

## It-Taxxa Inġusta u Immorali tal-VAT

It-taxxa inġusta u immorali tal-VAT li kienet iddaħħlet mill-Gvern Nazzjonalista fuq ordni mill-Unjoni Ewropea mhux biss kienet taxxa li ħolqot kwistjonijiet kbar hawn Malta u kienet tneħħiet mill-Gvern Laburista u reġgħet iddaħħlet mill-Gvern Nazzjonalista, imma huwa ċar daqs il-kristall li kienet iddaħħlet minħabba l-applikazzjoni tal-Gvern Nazzjonalista biex isieħeb lil Malta fl-Unjoni Ewropea.

Fil-fatt il-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea stess kienet ikkummentat fuq is-sistemi tat-taxxi ta' Malta meta kienet ħarġet l-"Avis". Fil-paragrafu 30 jintqal, fost affarijiet oħra[22], li,

**"…Id-dħul tas-sistema tal-VAT mhux biss hija meħtieġa mir-regolamenti tal-Komunita', (issa l-Unjoni Ewropea) imma hija wkoll kundizzjoni meħtieġa biex jitnaqqsu d-dazji. L-uffiċċju tal-VAT li ġie maħluq riċentament huwa l-ewwel pass lejn din ir-riforma essenzjali, imma jibqa' żewġ ostakli oħra all-implimentazzjoni tagħha, in-numru kbir ta' ntrapriżi żgħar – sikwit tas-snajja – li huwa diffiċli li jinżamm kontroll fuqhom għal għanijiet ta' taxxa, u l-ħtieġa li tinħoloq struttura amministrattiva effiċjenti. IL-Gvern Malti jippjana li jibda' jdaħħal il-VAT u fl-istess ħin inaqqas il-protezzjoni doganali fl-1995."**

[22] "Dazji għoljjin mhux biss jilgħabu parti protettiva, imma għandhom funzjoni mportanti li jżidu d-dħul. Id-dħul mid-dazju u s-sisa jlaħħaq għal terz tad-dħul kollu mit-taxxi ta' Malti u tliet kwarti tad-dħul minn taxxi ndiretti. It-tnaqqis mid-dazju għereq fis-sistema xierqa ta' taxxi ndiretti, li tkun użata xort'oħra biex tpatti għat-telfien mid-dazju billi jogħlew ir-rati…"

Il-Kummissjoni kienet mhux biss kixfet li t-taxxa inġusta tal-VAT riedet tiddaħħal bilfors minħabba s-sħubija fl-Unjoni Ewropea, imma kienet kixfet ukoll lill-Gvern Nazzjonalista li kien diġa' ppjana li jdaħħal it-taxxa inġusta tal-VAT fl-1995 li kien ħeba mill-poplu Malti u Għawdxi.

Mhux biss, imma dan l-artiklu jispjega għaliex l-intrapriżi ż-żgħar qed jintefgħu fuqhom ħafna piżijiet biex tkun miġbura din it-taxxa imposta mill-Gvern Nazzjonalista fuq l-ordnijiet ta' l-Unjoni Ewropea.

Piżijiet li fl-aħħar mill-aħħar l-intrapriżi ż-żgħar se jitfarrku taħthom biex jagħmlu l-wisa' għall-importazzjoni ta' prodotti mill-industriji ta' l-Unjoni Ewropea.

Barra minn hekk, wieħed jinnota li l-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea qalet li **"It-tnaqqis mid-dazju għereq fis-sistema xierqa ta' taxxi ndiretti, li tkun użata xort'oħra biex tpatti għat-telfien mid-dazju billi jogħlew ir-rati…"**

Dan ifisser li l-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea kienet diġa' qed twissi liċ-ċittadini Maltin u Għawdxin li kellhom ilestu ruħhom għal-żieda kbira fit-taxxi indiretti.

**Qed taraw għaliex il-Gvern Nazzjonalista kellu jżid dawk it-taxxi kollha?**

Qed taraw għaliex il-Gvern Nazzjonalista qiegħed ikollu jitkarrab u jilgħaq lill-Unjoni Ewropea biex ma jkollux idaħħal bilfors it-taxxa inġusta u immorali tal-VAT fuq l-ikel u l-mediċini kif diġa' kellu jdaħħalha fuq l-edukazzjoni?

Sħubija fl-Unjoni Ewropea tfisser li llum jew għada, iċ-ċittadini Maltin u Għawdxin se jkollhom jibdew iħallsu it-taxxa tal-VAT li parti minnha tmur lejn l-Unjoni Ewropea biex ikunu jistgħu jixtru l-ikel biex jieklu u l-mediċini biex jitfejjqu.

Wieħed ma jridx jinsa lanqas li l-Unjoni Ewropea trid li t-taxxa inġusta u immorali tal-VAT tiġi armonizzata, jiġifieri ssir l-istess fl-Istati Membri kollha. F'ċerti Stati Membri, din it-taxxa tlaħħaq 25%.

## Il-Bejgħ tal-Banek

Jekk wieħed iħares lejn is-settur bankarju u jara l-bejgħ tal-banek Maltin lill-barranin jista' jaħseb li dan sar biss minħabba n-nuqqas kbir ta' flus li l-Gvern Nazzjonalista bit-tberbieq tiegħu sab ruħu fih.

Din hija biss parti mir-raġuni, imma l-aktar raġuni importanti hija li dan kellu jsir bilfors minħabba l-Unjoni Ewropea. Fil-fatt, sar attakk fin mill-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea, fejn fl-Avis kienet qalet li,

**"…Is-sistema bankarja hija ffokata kważi esklussivament fuq l-ekonomija domestika. Is-settur bankarju huwa dominat minn tliet banek li flimkien għandhom 99% tad-depożiti kollha, u li huma kkontrollati mill-Istat. Biex jilħqu l-oġġettivi tagħhom, l-awtoritajiet monetarji Maltin jagħmlu ftit użu mill-**

**istrumenti tar-rati ta' l-interess li huma suġġetti għal massimu bil-liġi. Minflok, huma jsejsu lilhom infushom fuq ir-regolazzjoni tal-volum ta' kreditu."**[23]

Huwa ċar daqs il-kristall li l-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea kienet qed tgħid bil-pulit li l-Gvern għandu jneħħi l-kontrolli u l-isħma tiegħu fil-banek u jbiegħhom lill-privat kif għamel il-Gvern Nazzjonalista.

L-effetti tal-bejgħ jew aħjar ta' l-għoti b'xejn tal-Mid-Med lill-HSBC wera liċ-ċittadini Maltin u Għawdxin kif meta titlef il-kontrolli tiegħek, il-barrani jħares biss l-interessi tiegħu.

Wieħed jista' jarah mhux biss mid-dħul ta' ħlasijiet ġodda għal-servizzi li qabel kienu jingħataw b'xejn, mhux biss bin-nuqqas ta' kuxjenza tal-Banek barranin li malli xi ħadd ma jħallasx fil-ħin jisirqulu dak li jkun ilu jbati għalih u ma jtuħx ftit żmien biex iħallas kif kien isir qabel, imma jista' jaraħ ukoll fil-Posta li malli l-Gvern Nazzjonalista daħħal lill-barrani, għoliet il-posta, is-servizz ħżien ħafna, u fuq il-ħaddiema hemm imdendla x-xabla tas-sensju fuq rashom.

Dak huwa li tieħu meta tipprivatizza u tagħti dak li jkun tiegħek lill-barrani, barra mit-telf tal-qliegħ li dawn kienu jagħmlu li kien imur għand il-Gvern fil-kaxxa ta' Malta biex jitqassam fost iċ-ċittadini Maltin u Għawdxin li l-aktar ikunu jinħtieġu waqt li jitnaqqsu t-taxxi.

Anki l-imgħaxijiet[24] ġew attakkati u llum wieħed jista' jara r-riżultat ta' dak li kellu jagħmel il-Gvern Nazzjonalista minħabba l-ordnijiet ta' l-Unjoni Ewropea, waqt li l-Kummissjoni wissiet ukoll dwar it-tibdil mill-għeruq li ried isir.

Mhux biss, imma qalet ukoll dwar it-tibdil li ried isir fil-Bank Ċentrali minħabba li riedet tlesti t-triq biex kif kien qiegħed jiġi ppjanat, aktar 'il quddiem il-Bank Ċentrali jibda jobdi dak kollu li jkun ordnat jagħmel mill-Bank Ċentrali Ewropew.

**"Il-Bank Ċentrali għandu jkollu l-għodda meħtieġa li jħalluh iżomm stabbilita' monetarja f'ambjent miftuħ u kompetittiv; partikolarment, irid ikun ippreparat biex ibiddel ir-rati ta' nteress kif meħtieġ. Banek, intrapriżi u l-familji – kif ukoll it-teżor – ikollhom jaddattaw għal sistema fejn il-forzi tas-suq jiddeterminaw il-kreditu."**

## Setturi Oħra Attakkati

Fl-artiklu 33 ta' l-Avis, il-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea kienet attakkat diversi setturi. Hija kienet qalet li,

**"L-ekonomija Maltija hija mmexxija minn struttura amministrattiva u regolatorja li għandha xejra li tgħolli l-ispejjeż tal-produzzjoni u xxekkel is-settur tal-kummerċ biex jaddatta w jikkompeti.**

---

[23] Artiklu 31 ta' l-Avis

[24] Artiklu 32 ta' l-Avis fejn il-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea kienet qalet li, "Qabel transazzjonijiet barranin jistgħu jiġu iberalizzati u s-settur bankarju jinfetaħ għall-kompetizzjoni internazzjonali, is-sistema regolatorja monetarja trid tiġi milbula mill-għeruq, li tkun tinħtieġ tibdil kbir fl-imġieba tal-partijiet kollha mdaħħla…."

**Il-miżuri ristrettivi jinkludu:**
**(a) kontroll iebes tal-prezzijiet u profitti, li bħalissa huma meqjusa essenzjali mill-awtoritajiet Maltin biex irażżnu t-tendenzi monopolistiċi ta' ċerti azjendi li huma konsegwenza ta' nuqqas ta' kompetizzjoni fis-suq Malti."**

Dan ifisser li kull kontroll min-naħa tal-Gvern Malti fuq il-prezzijiet kellu jitneħħa.

Qed taraw għaliex Eddie Fenech Adami kien qal li, **"Jekk hemm bżonn, ħa jogħlew il-prezzijiet, ħa jogħlew il-prezzijiet."**

Il-ħaddiema tax-xatt kif ukoll tas-Sea Malta ukoll sfaw attakkati mill-Kummissjoni ta' l-Unjonji Ewropea. Fl-artiklu 33 subartiklu (b), il-Kummissjoni kienet qalet li,

## Ħaddiema tax-Xatt

**(b) "spejjeż għolja ta' trasport bil-baħar u l-ħatt ta' merkanzija minħabba n-nuqqas ta' kompetizzjoni f'dan is-settur u l-prattika kurrenti fil-portijiet Maltin."**

Dan kien ifisser biss li kienet qed tattakka lis-Sea Malta li kienet qed iżżomm prezzijiet tat-trasport bil-baħar għaliex ma kellhiex kompetizzjoni, kif ukoll lill-ħaddiema tax-xatt għaliex ma kellhomx kompetizzjoni.

Dawn l-attakki ma kinux l-uniċi attakki, għaliex anki meta reġgħet ħarġet ir-rapporti tagħha wara li l-Gvern Nazzjonalista kien reġa' ħareġ l-applikazzjoni mill-friża kienet kompliet tattakka s-setturi kollha u tinsisti biex isiru kollha skond ir-regolamenti ta' l-Unjoni Ewropea.

Dawn l-attakki kienu jfissru biss li l-monopolju tas-Sea Malta, tal-ħaddiema tax-xatt u tal-burdnara ma setgħax jibqa' magħluq biss għall-Maltin u l-Għawdxin, imma riedu jinfetħu kollha għall-kompetizzjoni minn kull kumpanija barranija minn kull Stat Membru ta' l-Unjoni Ewropea.

Jekk ma tkunx kapaċi tikkompeti mal-kumpaniji ġganti Ewropew, żarma u itfa' l-ħaddiema 'l barra, għax il-prinċipju tas-suq ħieles u tas-suq wieħed Ewropew ta' l-Unjoni Ewropea hekk jinħtieġ.

Il-ħaddiema u ħobżhom ma jinteressax lill-Unjoni Ewropea.

## EneMalta, TeleMalta u d-Dwana

Kemm l-EneMalta, it-TeleMalta[25] kif ukoll id-Dwana[26] wkoll ġew attakkati u msemmija li jridu jridu jinfetħu għall-kompetizzjoni.

Waqt li wieħed ma jistax ma jgħidx li saru żviluppi u modernizzazzjoni, il-prezzijiet tat-telefon li tajjeb li nfakkar li fi żmien Gvern Laburista kienu ta' ċenteżmu kull

---

[25] (c) "spejjeż għolja ta' enerġija u telekomunikazzjoni minħabba n-nuqqas ta' kuntratt ċar u l-monopolji li jaħdmu f'dan is-settur"
[26] (d) "monopolji numerużi fis-settur pubbliku u privat li jxekklu l-kompetizzjoni"

telefonata, iddum kemm iddum, kulħadd jaf kif splodew 'il fuq taħt il-Gvern Nazzjonalista.

Dwar l-EneMalta, kulħadd jaf kemm għadu jinqata d-dawl minkejja l-power station ta' Dellimara li saret f'dak il-post b'pika u vendikazzjoni, kif ukoll l-għoli tal-prezzijiet tal-kurrent elettriku li għolew bil-kbir taħt il-Gvern Nazzjonalista meta' mqabbla ma dawk li kienu taħt il-Gvern Laburista.

**Effetti oħra fuq l-Ekonomija**

L-effetti ta' sħubija fuq Malta u ċ-ċittadini Maltin u Għawdxin ma kinux se jkunu sbieħ, tant li l-istess Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea qalet jrid isir tibdil kbir li jaffettwa ħafna oqsma.

Fil-fatt, fl-artiklu 34, il-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea qalet li,

**"Ir-riformi li juru l-addozzjoni minn Malta ta' l-acquis communautaire tant jaffettwa oqsma differenti (taxxa, finanzi, moviment ta' kapital, protezzjoni tal-kumerċ, liġi dwar il-kompetizzjoni, eċċ) u jinħtieġu tant tibdil fil-mudelli ta' mġieba tradizzjonali li dak li huwa effettivament meħtieġ huwa tibdil bl-għeruq u x-xniexel ta' l-istruttura sħiħa regolatorja u operatorja ta' l-ekonomija Maltija."**

Dan l-artiklu mhux biss juri dak li kellhom jgħaddu minnu Malta u ċ-ċittadini Maltin u Għawdxin biex Malta ssir membru ta' l-Unjoni Ewropea, imma juri wkoll li Malta kien se jkollha ddaħal il-liġijiet kollha ta' l-Unjoni Ewropea. Dak li jfisser l-addozzjoni minn Malta ta' l-acquis communautaire.

F'dan l-artiklu mhux biss ikompli jingħad li Malta ma kellhiex tistenna xi perjodi ta' transizzjoni twal[27], imma fl-istess ħin jikxef lill-Gvern Nazzjonalista li kien għamel studji fuq l-effetti tas-sħubija.

**"…L-opinjoni pubblika qiegħed taċċetta li l-ekonomija Maltija trid tiġi ristrutturata, u l-gvern għamel numru ta' studji u waqqaf ċerti strutturi. Madankollu, il-biċċa l-kbira tar-riformi essenzjali għad iridu jiġu varati."**

Din il-parti ta' dan l-artiklu turi kif il-Gvern Nazzjonalista kien għamel diversi studji fuq kif is-sħubija u l-addozzjoni tal-liġijiet tagħha kienu se jolqtu lill-Malta u lill-ekonomija tagħna.

**X'kien sar minnhom dawn l-istudji?**

**Għalfejn inħbew u ma kinux ġew ippubblikati?**

**Jaqaw kienu juru li Malta, il-ħaddiema u ċ-ċittadini kollha Maltin u Għawdxin kienu se jmorru minn taħt bi sħubija fl-Unjoni Ewropea?**

---

[27] "Madankollu, dawn ir-riformi huma indispensabbli, mhux biss nbiex jiskansaw lil Malta perjodu transitorju li tant ikun imtawwal li jkun kważi 'sħubija speċjali' tal-Komunita', imma fuq kollox biex iħallu lill-ekonomijia tagħha tkun kapaċi tieħu vantaġġ mill-opportunitajiet ipprovduti bi sħubija.

**Jaqaw kienu juru li sħubija fl-Unjoni Ewropea kienet se tifqa' s-servizzi soċjali f'Malta kif jingħad li kien intqal minn xi Ministru Nazzjonalista?**

**<u>Telf ta' Xogħol u Sensji</u>**

Tant is-sħubija u r-riformi kienu se jaffettwaw liċ-ċittadini Maltin u Għawdxin kollha li kienu se jitilfu xogħolhom, ħobzhom u ħobż il-familji tagħhom, li l-istess Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea fl-artiklu 35 ta' l-Avis kienet wissiet li,

**"Iċ-ċavetta għal tibdil b'suċċess hija li tiġbed investiment domestiku u barrani biżżejjed biex jagħmel l-ekonomija sħiħa aktar kompetittiva u biex jankraha fis-sod mas-Suq Wieħed Ewropew. Fl-istess ħin, iridu jittieħdu miżuri biex jipprovdu taħriġ u biex tiddawwar il-forza tax-xogħol li bħalissa taħdem fil-kummerċ jew fis-setturi li se jbatu meta l-ekonomija tiġi liberalizzata."**

L-ewwel nett huwa ċar daqs il-kristall li l-Kummissjoni stess kienet qed tgħid li kienu se jintilfu l-impjiegi fis-setturi tal-kummerċ u setturi oħra, li jfisser li l-ħaddiema kienu se jispiċċaw bla xogħol.

Għaldaqstant, minkejja li l-Gvern Nazzjonalista kien jaf bl-effetti tas-sħubija u l-addozzjoni tal-liġijiet ta' l-Unjoni Ewropea, huwa xorta baqa' għaddej bil-pjani tiegħu għas-sħubija.

Mhux biss, imma dawk il-ħaddiema li jkunu tilfu xogħolhom ikollhom jitħarrġu biex jitgħallmu jagħmlu xi xogħol ieħor.

Wieħed ma jistax jinsa kemm ħaddiema li jkunu ilhom għomorhom u żmienhom jaħdmu l-istess xogħol u jkunu kibru huwa diffiċli li tħarriġhom għal xogħol ieħor.

Waqt li huwa tajjeb li l-ħaddiema jibqgħu jitħarrġu fuq l-aħħar żviluppi fis-sengħa tagħhom, huwa wkoll ċar daqs il-kristall li l-ħaddiema li jisfaw bla xogħol u jkunu jridu jitħarrġu jrid ikun il-Gvern Malti li jħarriġhom.

Dan ukoll ifisser spejjeż żejda mħallsa mit-taxxi taċ-ċittadini Maltin u Għawdxin biex jinqeda l-barrani ta' l-Unjoni Ewropea.

Dan juri kemm il-Gvern Nazzjonalista ma jimpurtaħx mill-ħaddiema Maltin u Għawdxin, imma jimpurtah biss li jilħaq il-ħolma tal-ġenn tiegħu li jagħmel lil Malta membru u kolonja ta' l-Unjoni Ewropea akkost ta' kollox.

Barra minn hekk, ma tridx tkun studjajt l-ekonomija jew mort l-Universita' biex tkun taf li m'għandikx torbot kollox f'suq wieħed, għax jekk imur xi ħaġa ħażina titlef kollox.

Kull negozjant jaf dan il-prinċipju fundamentali u kollha jaraw kif jagħmlu biex jiddiversifikaw is-swieq tagħhom.

Minkejja kollox, il-Gvern Nazzjonalista baqa' għaddej bil-pjani tiegħu minkejja li skond l-istess Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea, dak li kien se jsir kellu jankra l-ekonomija Maltija mas-Suq Wieħed Ewropew, u b'hekk Malta ma tkunx tista' tieħu

vantaġġ minn żviluppi madwar id-dinja kif tkun tista' tagħmel jekk tkun ħielsa u ma tkun ankrata ma ħadd.

Dwar l-investiment, kulħadd jaf kif il-Gvern Nazzjonalista ma rnexxilux iġib jew ikabbar l-investiment, la lokali u lanqas barrani.

Tant trid tkun Malta stess li toffri inċentivi għall-investiment li ma tistax tagħmlu jekk tkun Membru ta' l-Unjoni Ewropea minħabba li jkollha tobdi bilfors ir-regolamenti tagħha, li l-istess Kummissjoni ma qalitx li sħubija ġġib l-investiment, imma li ried ikun hemm diversi affarijiet biex jinġibed l-investiment.

**"Il-prospetti ta' sħubija jistgħu jgħinu jimmobilizzaw investiment barrani. Madankollu, investituri barranin aktar jistgħu jħarsu favorevolment lejn Malta jekk jaraw ambjent legali, amministrattiv u ta' taxxi, stabbli u trasparenti, infrastruttura moderna, spejjeż raġonevoli u forza tax-xogħol (ħaddiema) mħarrġa."**[28]

Dan l-artiklu jkompli juri kemm il-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea jilħqilha u kienet attenta milli tgħid xi ħaġa li wara tista' ma sseħħx, għax hija ma qalitx li l-investiment jiġi bis-sħubija, imma li jkun hemm dawk il-kundizzjonijiet li jħajjruh jiġi.

Qed taraw min ikun makakk x'jagħmel u mhux kif qiegħed jagħmel il-Gvern Nazzjonalista li bħal ma jgħid il-qawl li kulħadd jagħmel tajjeb li jiftakru u ma jinsieħx li jgħid li **"Il-boloħ jidħlu jiġru fejn l-Anġli jibżgħu jirfsu".**[29]

## Kontribuzzjoni Dinamika

Jekk xi ħadd waqa' għall-gidba tal-mitt miljun lira fis-sena u l-gideb l-ieħor li qiegħed jingħad dwar kemm Malta tingħata għajnuna u flus mill-Unjoni Ewropea jekk issir membru jkun qiegħed joħlom imqajjem.

Mhux biss, imma t-tibdil li ried isir li kien se jsib oppożizzjoni kellu jiġi mbuttat biex iseħħ u kellu jsir qabel ma Malta tissieħeb.

Tant Malta ma tingħatax anzi trid tagħti, li l-istess Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea fl-Avis kienet qalet li,

**"Qabel ma jibdew in-negozjati ma' Malta, il-Komunita' trid tkun assigurata li r-riformi jiġu mbuttati 'l ġewwa bil-konvinzjoni u l-kontinwita' meħtieġa biex iħallu lil Malta tilgħab parti dinamika fil-bini ta' l-unjoni ekonomika u monetarja mill-aktar fis possibbli wara d-dħul tagħha."**

Kif diġa' fissirt qabel, parti dinamika tfisser li tkun trid tieħu kunsiderazzjoni tas-sitwazzjonijiet kollha kif jiżviluppaw biex il-kontribut tiegħek jitkabbar skond iċ-ċirkostanzi li jkunu qed jinbidlu.

---

[28] Artiklu35
[29] Fools rush in where Angels fear to tread.

Dan ifisser li mhux biss Malta ma kinitx se tieħu aktar milli tagħti, talli kienet se tagħti u tkabbar dak li tagħti lil-Unjoni Ewropea skond l-iżviluppi li jkunu qed isiru.

Innutaw ukoll li l-kliem dwar ir-riformi kien li jiġi mbuttati ‘l ġewwa, bis-saħħa, bl-Ingliż **“pushed through”**, li jfisser li l-Kummissjoni kienet taf li r-riformi li l-Gvern Nazzjonalista kellu jagħmel kienu se jsibu oppożizzjoni għax kienu se jkunu iebsa ħafna.

Huwa għalhekk li l-Gvern Nazzjonalista wera u qiegħed juri dik l-arroganza kollha u qiegħed jonfoq dawk il-miljuni kbar biex ibiddel il-liġijiet Maltin biex jagħmilhom jaqblu mal-liġijiet kollha ta’ l-Unjoni Ewropea minflok ma jonfoqhom fuq il-ħtiġijiet urġenti u l-iżviluppi meħtieġa miċ-ċittadini Maltin u Għawdxin.

**<u>Il-Kummissjoni u s-Servizz Diplomatiku</u>**

Lanqas is-servizz diplomatiku ta’ Malta ma ħelisha minn taħt l-attakk tal-Kummissjoni ta’ l-Unjoni Ewropea biex tipprova tiġġustifika l-pretensjoni tagħha li Malta ma tingħatax l-istess drittijiet ta’ Stati Membri, u dan anki biex tmexxi l-istituzzjonijiet jekk Alla ħares qatt tkun membru. Fil-fatt, fl-artiklu 38, il-Kummissjoni ta’ l-Unjoni Ewropea qalet li,

**“Malta għandha ftit wisq uffiċjali għolja pubbliċi b’esperjenza internazzjonali meħtieġa biex jieħdu sehem sħiħ fit-teħid ta’ deċiżjonijiet u proċessi operazzjonali ta’ l-istituzzjonijiet tal-Komunita’. Din il-problema ssir aktar gravi bil-fatt li r-riformi ekonomiċi u legislattivi meħtieġa biex jiftħu l-ekonomija Maltija u jintegrawha fil-Komunita’ jorbtu l-parti l-kbira tar-riżorsi umani mħarrġa disponibbli. Il-korp diplomatiku huwa żgħir ħafna, limitat għal madwar 15-il ambaxxata u konsulati madwar id-dinja. Malta għadha ma żviluppatx il-prattika li taħdem flimkien fis-sistemi diplomatiċi ta’ pajjiżi sħab biex tmexxi r-relazzjonijiet internazzjonali tagħha, u lanqas ma għandha esperjenza twila li tikkopera ma pajjiżi oħra Ewropej.”**

Dan mhux biss kien attakk dirett fuq il-korp diplomatiku Malti, imma juri wkoll kif l-Unjoni Ewropea ma riditx li Malta tmexxi l-istituzzjonijiet ta’ l-Unjoni Ewropea kif jagħmlu l-Istati Membri l-oħra.

Hawnhekk nirreferi għal dak li kienu jgħidu l-kelliema Nazzjonalisti li sħabhom fiċ-ċrieki diplomatiċi kienu jassigurawhom li Malta dalwaqt tidħol, li qiegħda wara l-bieb, u hmerijiet oħra bħal dawn.

Meta mqabbla ma dak li qalet il-Kummissjoni ta’ l-Unjoni Ewropea dwar il-korp diplomatiku Malti, u dan ngħidu b’dispjaċir għaliex hemm min hemm qiegħed jirrappreżenta lil Malta, wiehed jasal għal żewġ konklużjonijiet.

Jew li l-Gvern Nazzjonalista u l-korp diplomatiku tant huma fqar fil-prattika diplomatika li ma ndunawx li dawk li qalu li huma ħbiebhom kienu qed jgħadduhom biż-żmien, u għalhekk il-Kummissjoni ta’ l-Unjoni Ewropea kellha raġun.

Jew inkella, kemm il-korp diplomatiku kif ukoll il-kelliema tal-Gvern Nazzjonalista riedu jgħaddu ż-żmien u jqarrqu biċ-ċittadini Maltin u Għawdxin.

M'hemmx x'tagħżel. Jew waħda jew l-oħra.

Il-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea tkellmet dwar kif Malta għadha ma żviluppatx il-prattika li taħdem flimkien fis-sistemi diplomatiċi ta' pajjiżi sħab biex tmexxi r-relazzjonijiet internazzjonali tagħha.

L-ewwel nett, kif jgħid il-Malti, **"Is-sħab fl-ajru",** aħseb u ara meta qed titkellem fuq relazzjonijiet diplomatiċi internazzjonali.

Tista' qatt tkun ċert li jekk ikun rappreżentant ta' pajjiż ieħor li jkun qiegħed jieħu ħsieb ċerti nteressi tiegħek, huwa stess ma jkollux interess li jaħdem kontrik baxx baxx biex imexxi 'l quddiem l-interessi tiegħu u ta' pajjiżu?

Hawnhekk tajjeb li nistaqsu x'riedet tgħid biha l-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea n-nuqqas ta' esperjenza twila ta' kooperazzjoni ma pajjiżi Ewropej?

Tgħid b'esperjenza twila ta' kooperazzjoni il-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea riedet tfisser li Malta kellha tagħmel dak kollu li jgħidilha tagħmel xi pajiż Ewropew ieħor jew xi organizzazzjoni bħal ma hija l-Unjoni Ewropea, kemm jekk ikun jaqbel għal Malta u kemm jekk le?

Tgħid il-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea riedet tfisser li Malta kellha tibqa' kolonja tar-Renju Unit u ma tiksibx **l-Indipendenza, il-Ħelsien u s-Sovranita'** tagħha kif dejjem kellha dritt, u b'hekk kien ikun aktar faċli għaliha li Malta tibqa bażi militari minħabba li kien ikun hemm din l-esperjenza twila ta' kooperazzjoni?

Tgħid il-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea b'esperjenza ta' kooperazzjoni twila riedet titfsser li l-Gvern Laburista kellu jħalli lil Malta tibqa' tintuża bħala bażi militari biex b'hekk ikun hemm dik il-kooperazzjoni?

Tgħid għax il-Gvern Laburista kien keċċa lill-**Ammirall Faxxista Taljan tan-NATO Ġino Birindelli** minn Malta u b'hekk ma kienx hemm l-esperjenza twila ta' kooperazzjoni?

Jagħmlu tajjeb iċ-ċittadini Maltin u Għawdxin li jaħsbu fuq dawn l-affarijiet ħalli ma jħallu lil ħadd jgħaddihom biż-żmien.

## It-Tmexxija ta' l-Istituzzjonijiet minn Malta

Fl-attentat tagħha biex tlesti t-triq ħalli Malta ma jkollhiex l-istess drittijiet daqs Stati Membri oħra, il-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea anki tefgħet dubji kemm Malta tkun tista' tmexxi l-istituzzjonijiet Ewropej. Fil-fatt, fl-artiklu 40, hija qalet li,

**"Mistoqsija oħra li trid issir fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq hija kemm Malta tkun, fil-futur prevedibbli, kapaċi tidħol għall-firxa wiesgħa ta' risponsabbiltajiet u obbligazzjonijeit tal-Presidenza tal-Kunsill."**

Kienu għadhom lanqas bdew it-taħdidiet u l-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea diġa' kienet bdiet titfa' d-dubji dwar il-kapaċita' ta' Malta li tmexxi l-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea li t-tmexxija tiegħu tinbidel kull sitt xhur.

Għat-taxxi iva. Malta tkun meqjusa l-istes, imma għad-drittijiet le.

Il-qwiel Maltin jgħidulek li **"Min joqgħod moxxu jaqa' taħt dwiefer l-oħrajn", "Min jobżoqlok f'wiċċek tisthix tobżoqlu f'wiċċu",** u **"Min jagħtik daqqa ta' ħarta tisthix twieġbu b'oħra int".**

**Kompetittivita'**

Artiklu mill-aktar interessanti fl-Avis tal-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea juri kemm is-sagrifiċċji kollha li l-poplu Malti qiegħed ikollu jagħmel m'humiex meħtieġa biex Malta tkun kompetittiva fis-swieq internazzjonali, imma qed isiru biss biex ikun kollox bħal ta' l-Unjoni Ewropea skond kif ordnat l-istess Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea.

Dan huwa artiklu 48, fejn il-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea tgħid li,

**"Biex tikkontribwixxi lejn dan l-oġġettiv, il-Kummissjoni tipproponi li tibda' immedjatament djalogu intensiv bil-ħsieb li jistabbilixxi flimkien in-natura u ż-żmien tar-riformu l-aktar urġenti meħtieġa li jħallu l-ekonomija Maltija tlaħħaq mal-kompetizzjoni internazzjonali u biex iħejju l-art għall-integrazzjoni mal-Komunita'."**

Innutaw id-distinzjoni bejn ir-riformi meħtieġa biex l-ekonomija Maltija tlaħħaq mal-**kompetizzjoni internazzjonali**, li l-istess Kummissjoni tgħid li jwasslu biss biex iħejju l-art għall-integrazzjoni fil-Komunita', u dawk li huma meħtieġa biex l-ekonomija Maltija **tiġi ntegrata** jekk isseħħ is-sħubija.

Dan ifisser li waqt li huwa tajjeb u meħtieġ li Malta tagħmel dawk ir-riformi kollha biex l-ekonomija tkun kompetittiva fis-swieq internazzjonali, dawn l-istess riformi jwasslu biss biex ikunu jridu jsiru riformi oħra biex l-ekonomija Maltija tiġi ntegrata, jiġifieri titwaħħad, issir ħaġa waħda, ma' l-ekonomija ta' l-Unjoni Ewropea.

Għaldaqstant, is-sagrifiċċji kbar li ċ-ċittadini Maltin u Għawdxin qed ikollhom jagħmlu m'humiex kollha meħtieġa biex l-ekonomija Maltija u Malta jkunu kompetittivi fis-swieq internazzjonali, imma qed isiru biss biex tintlaħħaq il-fissazzjoni li Malta ssir membru u kolonja ta' l-Unjoni Ewropea.

**Is-Sajd**

Is-settur tas-sajd ukoll kien ittrattat mill-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea fl-Avis tagħha. Hija qalet li,

**"Id-daqs u l-istruttura tal-flotta tas-sajd Maltija hija tali li l-integrazzjoni tagħha fil-flotta tal-Komunita' m'għandha tqajjem l-ebda problema.**

**Madankollu, ir-regoli għar-reġistrazzjoni ta' bastimenti tas-sajd ta' sidien barranin hija totalment mhux aċċettabbli għall-Komunita'. Dawn il-kundizzjonijiet (biex wieħed itajjar il-bandiera Maltija) ikunu jridu miġjuba fil-linja tar-regoli tal-Komunita'."**

Qabel inkompli tajjeb li naraw din il-parti ta' dan l-artiklu.

Dwar li l-flotta Maltija ma toħloq ebda problema biex tiġi ntegrata fil-flotta tal-Komunita' m'hemmx dubju, jekk wieħed jiftakar kemm hemm bastimenti tas-sajd ta' l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea qalet li r-regoli li bihom jiġu reġistrati bastimenti barranin m'humiex aċċettabbli għaliha.

Dan għaliex ir-regoli kienu li setgħu jiġu reġistrati bastimenti ta' sidien Maltin u Għawdxin biss, imma l-Unjoni Ewropea ma taċċettax dan il-prinċipju għaliex kull sajjjied minn kull Stat Membru għandu dritt li jirreġistra l-bastiment tiegħu fi Stat Membru ieħor.

Dan ifisser li dak il-bastiment jitqies li jkollu n-nazzjonalita' ta' dak l-Istat Membru li jkun irreġistrat fih u għaldaqstant ikollu kull dritt li jmur jistad anki fl-ibħra territorjali territorjali ta' dak l-Istat.

Hawnhekk infakkar li aktar qabel diġa' kont ġbidt l-attenzjoni għall-każi magħrufa bħala Factortame, fejn minħabba li l-Gvern Ingliż kien bidel il-liġi biex ma jkunux reġistrati bastimenti Spanjoli.

Ftakru li kien qala' kundanna mill-Qorti ta' l-Unjoni Ewropea u kien weħel xi mitt miljun lira sterlina bħala danni u spejjeż.

Għaldaqstant, din hija waħda mir-raġunijiet għaliex il-Gvern Nazzjonalista bidel il-liġi tas-sajd biex jekk Malta ssir membru, ikun jista' jirreġistra bastimenti minn kull Stat Membru ieħor li jkollhom dritt li jistadu anki fit-12-il mil li suppost tħallew għas-sajjieda Maltin biss.

Dan ifisser biss li dak li l-Gvern Laburista għamel meta kien kabbar l-ibħra tas-sajd għal 25 mil jisfa fix-xejn għaliex kull sajjied minn kull Stat Membru mhux biss se jkun jista' jistad f'dawn l-ibħra, imma se jkun jista' jirreġistra l-bastiment tas-sajd tiegħu hawn Malta u jistad anki fit-12-il mil.

L-arroganza tal-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea tidher ukoll mill-fatt li kompliet tgħid li,

**"Malta għandha ftehim tas-sajd mal-Libja, li waħdu jagħmel linji ta' gwida inkompatibbli mal-prinċipji tal-Liġi tal-Baħar. Il-komunita' ma tistax taċċetta dan il-ftehim kif qiegħed."**

L-arroganza tal-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea mhux qegħda biss minħabba li ma riditx taċċetta ftehim li l-Gvern Laburista Malti kien għamel mal-Gvern Libjan qabel ma l-Gvern Nazzjonalista kien ħolom bis-sħubija, imma bil-gidba tagħha li dan il-ftehim kien inkompatibbli, jiġifieri ma jaqbilx, mal-Liġi tal-Baħar.

Il-Kummissjoni imkien ma tgħid fejn dan huwa inkompatibbli għaliex dan mhux tassew, huwa ġidba, għaliex il-Gvern Malti bħala Gvern ta' **Stat Indipendenti, Ħieles**

**u Sovran** kellu u għad għandu dritt li jagħmel kull ftehim ma Stat ieħor bla ebda ndħil mill-Unjoni Ewropea.

Madankollu, ir-raġuni tassew għaliex l-Unjoni Ewropea ma riditx taċċetta dan il-ftehim hija li jekk Malta ssir membru, u l-Unjoni Ewropea tqis l-ibħra ta' l-Istati Membri tagħha bħala ibħra tagħha, u jekk Malta tkun qed tagħti aċċess għall-ibħra tagħha u l-Libja tkun qed tagħmel l-istess, dan ikun ifisser li Malta tkun għamlet ftehim ma Stat mhux membru, liema dritt, jekk tiftakru fil-każ li semmejt aktar qabel dwar id-dritt tal-vot fl-Organizzazzjoni Dinjija ta' l-Ikel u l-biedja, kienet ħaditu l-Unjoni Ewropea mingħand l-Istati Membri tagħha.

Dwar l-importazzjoni tal-ħut, il-kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea kienet qalet li,

**"Is-sitwazzjoni Maltija m'għandha tqajjem l-ebda problemi kbar tas-suq għall-Komunita'. Huma biss dawk ir-restrizzjonijiet preżenti mposti fuq l-importazzjoni tat-tonn u l-projbizzjoni fuq l-iżbark ta' ħut minn barranin li jinħtieġu kunsiderazzjoni speċjali. Għall-Malta, madankollu, l-addozzjoni tal-liġi tal-Komunita' Ewropea jistgħu joħolqu xi diffikultajiet amministrattivi."**

Huwa ċar daqs il-kristall li dak li qalet il-Kummissjoni huwa li s-suq Malti jrid jinfetaħ għas-sajjieda barranin biex ikunu jistgħu mhux biss jistadu fl-ibħra Maltin li l-Gvern Laburista kien irriserva għas-sajjieda Maltin biss, imma l-istess ħut li jaqbdu jiġu jbiegħuh hawn Malta stess.

Dan ma jfissirx li jkunu s-sajjieda minn Stati membri biss li jiġu jistadu u jbiegħu l-ħut tagħhom hawn Malta, għax minħabba li l-Unjoni Ewropea għandha ftehim am pajiżi oħra biex is-sajjieda tagħhom jistadu fl-ibħra ta' xulxin u jbiegħu l-ħut tagħhom għand xulxin, se nispiċċaw biex anki s-sajjieda Tuneżini u sajjieda oħra jiġu jistadu fl-ibħra Maltin u jbiegħu l-ħut tagħhom hawn Malta.

Dan huwa l-futur li hemm jistenna lis-sajjieda Maltin u Għawdxin bi sħubija fl-Unjoni Ewropea.

## Il-Kaċċa

Il-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea kellha dan xi tgħid dwar il-kaċċa meta kienet qed tittratta l-ambjent.

**"…Madankollu, il-kaċċa mhux sostenibbli ta' għasafar f'Malta hija kwistjoni ta' mportanza partikolari. Minkejja li l-awtoritajiet Maltin għamlu regolamenti aktar iebsa biex jikkontrollaw il-kaċċa ta' l-għasafar, dawn m'humiex biżżejjed biex jaqblu mal-leġislazzjoni tal-komunita'. Sforzi konsiderevoli għalhekk ikollhom jiġi magħmula mill-awtoritajiet Maltin biex jagħtu effett għall-provvedimenti tal-Komunita' u huma għandhom jagħtu lill-Komunita' wegħdiet ċari fuq hekk."**

Nahseb li m'hemmx għalfejn nikkummenta wisq fuq dak li qalet il-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea, għaliex il-kaċċaturi u n-nassaba kollha raw kif il-Gvern Nazzjonalista diġa` daħaq bihom biex jobdi dak kollu li ordnatlu jagħmel l-Unjoni Ewropea. Se jħalluh jerġa' jqarraq bihom?

Il-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea daħlet f'ħafna oqsma oħra, imma kif għedt aktar qabel, mhux possibbli li nagħmel eżami bir-reqqa fuq il-punti kollha f'dan il-ktieb.

Għaldaqstant, l-aħħar appell tiegħu f'din it-taqsima huwa biex iċ-ċittadini Maltin u Għawdxin ma jħallux min iqarraq bihom biex jisraq il-vot tagħhom ħalli jilħaq l-għan tiegħu li jerġa' jġib lil Malta kolonja tal-barrani.

# Konklużjoni

F'dan il-ktieb rajna flimkien kif l-ewwel inħolqot il-Komunita' tal-Faħam u l-Azzar u r-raġunijiet li għaliħom inħolqot, kif ukoll il-pjani li kienu għamlu l-federalisti internazzjonali imma speċjalment it-Taljani, kemm qabel, matul u wara l-Gwerra biex joħolqu Stat Federali Ewropew bħala l-Istati Uniti ta' l-Ewropa.

Rajna kif wara saru l-iżviluppi taż-żewġ Komunitajiet l-oħra, jiġifieri il-Komunita' Ewropea ta' l-Enerġija Atomika u l-Komunita' Ekonomika Ewropea, kif ukoll l-intriċċi li kien hemm fl-iżvilupp tagħhom, fosthom meta r-Renju Unit ma kienx ġie aċċettat minn Franza.

Rajna wkoll kif l-istituzzjonijiet tal-Komunitajiet bdew dejjem iżidu s-setgħat tagħhom waqt li jitnaqqas minn dak ta' l-Istati Membri, fosthom it-tnaqqir tas-sovranita' u ta' kriterji meqjusa bħala essenzjali skond il-liġi internazzjonali biex pajjiż ikun jista' jitqies bħala **Stat nazzjon, Indipendenti, Ħieles u Sovran**.

Rajna kif żviluppat l-Unjoni Ewropea permezz tat-tliet Komunitajiet u kif l-iżviluppi kollha kienu qed isiru biex jintlaħaq l-għan tal-federalisti li tinħoloq **l-Unjoni Ewropea** bħala **Stat Federali Ewropew**, jew, fi kliem ieħor, **l-Istati Uniti ta' l-Ewropa.**

Rajna flimkien kif l-oqsma li normalment kienu jaqgħu taħt id-dritt u l-kompetenza ta' Stat sovran, bdew jittieħdu bil-mod il-mod, b'pass meqjuż, b'mezzi li f'każijiet minnhom ikunu b'mod li wieħed lanqas jinduna bihom, mingħand l-Istati Membri mill-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea, fosthom id-dritt tal-vot f'organizzazzjonijiet internazzjonali.

**Rajna wkoll l-iżvilupp fil-qasam militari permezz ta' l-armata ta' l-Unjoni Ewropea u kif ħafna mill-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea huma, jew għadhom, pajjiżi ex-kolonizzaturi li ħakmu lill-kolonji tagħhom u ħadulhom ġidhom kollu.**

Hemm il-kwistjoni taż-żejt fil-ġamar li kull tant żmien iħeġġeġ tal-Lvant Nofsani, li jista' jfisser li bi skuża biex jitwaqqfu tnejn jew iżjed mill-ġlied tagħhom bħal ma kien ġara fil-kwistjoni tal-Kanal tas-Suez, ikun hemm indħil militari biex il-provvista taż-żejt tkompli għaddejja u ma titwaqqafx.

Niftakru fl-interventi mill-Amerikani u l-Inglizi fis-snin ħamsin ta' l-aħħar seklu biex jerġgħu jpoġġu lix-Xa ta' l-Iran[30] fil-poter minħabba l-interessi tal-kumpaniji taż-żejt u nteressi oħra militari, wara li x-Xa kien ħarab u minħabba li l-Prim Ministru Iranjan Mossadeq kien innazzjonalizza l-kumpanijia taż-żejt Anglo-Iranian Oil Company.

Rajna flimkien dwar l-invażjoni ta' l-Eġittu mill-Ingliżi u Franċiżi flimkien ma' l-Israel minħabba li l-President Eġizzjan Gamal Abdel Nasser kien innazzjonalizza l-Kumpanija tas-Suez li kellha l-isħma tagħha ta' l-Ingliżi u l-Franċiżi, ġrajjiet li ma jistgħux jintnesew.

[30] L-Iran qabel kien magħruf bħala l-Persja

Rajna flimkien kif meta Stat isir membru ta' l-Unjoni Ewropea, huwa flimkien maċ-ċittadini tiegħu jkollhom joqgħodu għal-kull ma tordnalhom jagħmlu l-Unjoni Ewropea.

Rajna kif Romano Prodi meta kien hawn Malta gideb għaliex qal li s-sħubija fl-Unjoni Ewropea hija bħaż-żwieġ. La darba tiżżewweġ ikun għal dejjem.

Din hija **GIDBA**, għaliex il-poplu dejjem huwa **SOVRAN** u jekk jiddeċiedi li jitlaq mill-Unjoni Ewropea ħadd u xejn ma jista' jżommu.

Dan huwa dritt mogħti anki mill-Ġnus Magħquda għaliex kulħadd għandu dritt li jitlaq minn taħt kull forma ta' kolonjaliżmu bħal ma wieħed isib bis-sħubija fl-Unjoni Ewropea.

Tinsewx li min jigdeb bil-Malti ngħidulu **ĠIDDIEB**.

Il-qawl Malti jgħidlek li "**L-għajta nofs il-bejgħ**", u għaldaqstant, kull bejjiegħ jagħmel ħiltu kollha biex jagħmel l-aħjar reklam għall-prodott tiegħu, anki jekk ma jkunx prodott li jgħodd għalik jew ma jkollokx bżonnu biex iħajjrek tixtri.

Aktar ma l-bejjiegħ jirnexxilu jikkonvinċik biex tixtri, aktar ikun jista' jagħmel qligħ, u għaldaqstant, huwa jkun qiegħed jagħmel ir-reklam u jħajjrek biex tixtri fl-interessi tiegħu u mhux tiegħek.

Il-flus tkun se toħroġhom int, imma jkun se jdaħħalhom hu.

Wieħed jista' jgħid ukoll li aktar ma l-prodott ma jkunx tajjeb jew ma jkunx jgħodd għalik, aktar il-bejjiegħ ikun irid jagħmel ħiltu biex iġiegħelhek temmen li huwa tajjeb, li tinħtieġu u li ma tistax tgħaddi mingħajru, u jekk ikun hemm ħtieġa jibda jġib lill-sħabu biex jikkonvinċuk li ma tistax tgħaddi mingħajru.

Madankollu, kif kulħadd jaf, minkejja li kull prodott jiġi ppreżentat fl-isbaħ stampa ta' l-aħjar u l-aqwa prodott li għandu l-aqwa affarijiet għaliex kif jgħid il-qawl "**l-ewwel ma tiekol l-għajn**", mhux kull prodott li jinbiegħ u jinxtara huwa tajjeb u għandek ħtieġa għalih.

Anzi, f'ħafna każi, tispiċċa biex sempliċiment tkun infaqt il-flus it-tajba għalxejn u tkun mort minn taħt, għax kif jgħid sewwa l-qawl Malti, **"Mhux kull ma jleqq huwa deheb".**

Jekk napplikaw dawn il-prinċipji għall-Unjoni Ewropea u niftakru ftit dak li rajna f'dan il-ktieb, wieħed malajr jinduna li bla ebda dubju, il-prodott "**Unjoni Ewropea**" ma jgħoddx għalina.

Huwa għalhekk li issa aktar minn qatt qabel, qed naraw proċessjoni sħiħa ta' barranin, ġejjin wieħed wara l-ieħor għal ftit ħin f'pajjiżna, biex jgħidulna kemm l-Unjoni Ewropea hija tajba u tgħodd għalina, u kemm jaqblilna li nsiru membri tagħha.

Aktar ma jiġu dawn il-barranin, aktar qed juruna kemm l-Unjoni Ewropea ma tgħoddx għalina, għaliex kieku tassew kienet tajba għalina, ma kienx ikun hemm il-ħtieġa li jippruvaw jagħmlu minn kollox biex jipperswaduna.

Għaldaqstant, qed ikollhom jagħmlu l-isforzi kollha possibbli tagħhom biex jippruvaw ibiegħulna l-prodott tagħhom li ma jgħoddx għalina, jiġifieri l-Unjoni Ewropea, għax huwa fl-interess tagħhom li jbiegħuh, imma mhux fl-interess tagħna li nixtruh.

Wara dawn l-eżempji, tajjeb li naħsbu ftit fuq dak kollu li għadda minnu l-poplu Malti u Għawdxi biex ksibna l-**indipendenza u l-ħelsien** tagħna minn taħt il-ħakkiem barrani.

Wara li rajna it-tbatijiet kbar li l-poplu Malti u Għawdxi kellu jgħaddi minnhom biex ksibna l-indipendenza u l-ħelsien tagħna u ta' pajjiżna mill-ħakkiem barrani li ħakem fuqna u fuq ġensna bla ebda ħniena, irridu li nerġgħu nidħlu taħt il-madmad tal-kolonjaliżmu?

Tinsewx li din id-darba mhux se nkunu taħt il-ħakma ta' l-Anġiovini, ta' l-Aragoniżi, tar-Renju ta' Sqallija, tal-Kavallieri, ta' Franza u tar-Renju Unit, imma se nkunu taħt il-ħakma tagħhom kollha f'daqqa u aktar permezz ta' l-**Unjoni Ewropea.**

Ftakru wkoll f'ħutna u missierijietna li mietu jitqabdu fl-Assedju l-Kbir kontra l-attentati biex Malta tittieħed mit-Turkija, kif ukoll fl-aħħar gwerra biex pajjiżna ma jaqax taħt il-ħakma Nazista u Faxxista.

Ftakru li Malta kienet waħda mill-postijiet li Mussolini kien jgħid li jrid jgħaqqad ma' l-Italja u jagħmilha parti minnha.

Ftakru li anki hawn Malta kellu lil min jaħdimlu biex jilħaq l-għan moqżież tiegħu, kif għad hawn illum min qiegħed jaħdem għall-barrani.

Fis-seklu l-ieħor, u eżattament **fil-21 ta' Settembru 1964,** Malta kisbet l-indipendenza tagħha minn taħt il-ħakma tal-barrani.

Minn taħt il-ħakma kolonjali Ingliża.

Għaldaqstant, is-sena 2004 li hija s-sena li fiha se jsir it-tkabbir ta' l-Unjoni Ewropea, jaħbat **l-erbgħin anniversarju ta' l-indipendenza ta' Malta.**

It-twaqqif tar-Repubblika ta' Malta mibnija fuq ix-xogħol bil-Kap ta' Stat Malti u mhux aktar barrani kien sar **fit-13 ta' Diċembru 1974.**

Għaldaqstant, is-sena 2004 li hija s-sena li fiha se jsir it-tkabbir ta' l-Unjoni Ewropea, jaħbat **it-tletin anniversarju tat-twaqqif tar-Repubblika ta' Malta.**

Il-ħelsien sħiħ tal-poplu Malti u Għawdxi ġie miksub **fil-31 ta' Marzu 1979,** meta l-aħħar suldat barrani kien telaq mill-Gżejjer Maltin.

Għaldaqstant, is-sena 2004 li hija s-sena li fiha se jsir it-tkabbir ta' l-Unjoni Ewropa, jaħbat ukoll **il-ħamsa u għoxrin anniversarju** ta' meta Malta u ċ-ċittadini Maltin u Għawdxin kisbu l-ħelsien veru minn taħt il-ħakma tal-barrani.

**Fil-21 ta' Settembru 1964, il-poplu Malti u Għawdxi feraħ għaliex kien ingħata l-indipendenza, għalkemm il-barrani xorta żamm ħafna drittijiet bħal ma kellu qabel fuq il-Gżejjer tagħna waqt li neħħa r-risponsabbiltajiet tiegħu lejna.**

**Fit-13 ta' Diċembru 1974, il-poplu Malti u Għawdxi feraħ għaliex kien waqqaf ir-Repubblika ta' Malta, fejn il-Kap ta' Stat kien il-President, Malti, u mhux aktar Kap ta' Stat barrani, Reġina barranija.**

Fil-31 ta' Marzu 1979, il-poplu Malti u Għawdxi feraħ aktar minn qatt qabel għaliex kien kiseb il-ħelsien veru.

Dak in-nhar il-poplu Malti u Għawdxi ħalef li qatt aktar ma jaħkem il-barrani fuqna.

Irridu issa, wara dawk it-tbatijiet kollha biex ksibna l-indipendenza, waqqafna ir-Repubblika ta' Malta, u ksibna l-ħelsien veru tagħna biex ksibna l-post xieraq u bi dritt tagħna fost l-Istati indipendenti, ħielsa u sovrana tad-dinja, li,

- **niċċelebraw l-erbgħin anniversarju ta' l-indipendenza,**
- **it-tletin anniversarju tat-twaqqif tar-Repubblika ta' Malta, u**
- **l-ħamsa u għoxrin anniversarju tal-ħelsien tagħna**

**billi nerġgħu mmorru lura għal taħt il-ħakma u l-madmad kolonjali tal-barrani?**

Min se jkunu dawk it-tradituri u l-Ġudiet Maltin u Għawdxin li se jivvutaw biex nerġgħu nsiru kolonja tal-barrani u nerġgħu nitjassru flimkien ma' uliedna u ulied uliedna mal-barrani?

Min se jkunu dawk it-tradituri u l-Ġudiet Membri Parlamentari Maltin u Għawdxin li se jivvutaw biex nerġgħu nsiru kolonja tal-barrani u biex jerġgħu ijassruna flimkien ma' uliedna u ulied uliedna taħt il-ħakma tal-barrani minn Brussell?

Aħsbuha sewwa, xtarru kollox u ftakru, li ma nerġgħux nagħmlu dak l-iżball li nerġgħu nidħlu fil-jasar kif kienu għamlu missierietna.

Ftakru wkoll fil-qwiel l-oħra li jgħidu li, **"Qis mitt darba u aqta' darba"** għax **"Min jaqta bla ma jqis, minn pezza drapp ma joħroġx qmis"** u li **"Min ma jaħsibx x'jiġri wara, la hu raġel u lanqas mara".**

Imma l-aqwa qawl Malti li inthom għandkom iżżommu quddiemkom huwa li,

## "Min jiċħad l-art twelidu, miżbla żibel lanqas tridu".

Huwa ta' l-akbar għajb li llum hawn fostna **ĠUDIET** u **MIXTRIJA** tal-barrani li mhux biss iridu jtebbgħu l-bandiera Maltija, imma saħansitra jridu jagħmlu bandiera

barranija, il-bandiera ta' l-Unjoni Ewropea, aqwa mill-bandiera Maltija, u innu barrani, innu ta' l-Unjoni Ewropea, aqwa mill-Innu Malti.

Fl-aħħar nett, inħoss li ma nistax nagħlaq din il-kitba bla ma nuża l-pinna ta' kittieba patrijottiċi li fil-kitba tagħhom kienu jafu jesprimu l-ħsieb patrijottiku tagħhom b'rimi poetiċi aqwa minnhi.

Mhux biss, imma l-kitba tagħhom għandha tkompli tħeġġiġkom biex ma tħallux li l-**Indipendenza, il-Ħelsien u s-Sovranita'** li ksibna bit-tbatijiet kbar flimkien ma' ħutna u missierijietna jtiru mar-riħ u nerġgħu njassru l-għażiża artna, u lill-uliedna u l-ulied uliedna, u l-ġensna taħt il-ħakma tal-barrani.

Minn qalbi nsellmilhom u nittama li inthom ukoll isselmulhom, tweġġħuhom bħala patrijotti denji ta' isem art twelidhom, u tixtarru kliemhom sewwa biex inthom ukoll tkunu denji li tissejħu **Maltin u Għawdxin.**

Imma l-akbar ġih li inthom tistgħu tagħtuhom huwa li tiċħdu t-talba tal-**GUDIET** u l-**MIXTRIJA** tal-barrani li għandna fostna, u ma terġgħux titjassru u tjassru lil gensna taħt il-ħakma tal-barrani.

**Din hija kitba patrijottika bħala tislima għall-bandiera Maltija minn Dun Karm Psaila, il-Poeta Nazzjonali Malti.**

## Il-Bandiera Maltija

**Hekk bajda w ħamra biss, irridek jiena,**
**Bandiera ħelwa ta' din l-art ħanina,**
**Għax kull meta s-sibbien ħabtu għalina,**
**Hekk, bajda u ħamra biss, rawk il-ħajjiena.**

**Bajda u safja bħas-sema fil-Libiena,**
**Meta f'Novembru sajf ieħor jiġina;**
**Ħamra bħad-demm fuq wiċċ ta' xebba rżina**
**Minn dawk li int rabbejt għax-xogħ'l qalbiena.**

**Hekk, bajda u ħamra biss; kull lewn barrani,**
**Li jitħallat ma lwienek, ikun blu',**
**Jew ikun aħdar, iħassarlek ismek,**

**Mhux ismek biss jitħassar, iżda ġismek,**
**Is-sabiħ ġismek ma jibqax li hu:**
**Imbagħ'd … ma jiswa xejn tibki l-warrani.**

**Dawn li ġejjin kienu versi miktuba b'tifkira tal-protesta tal-Maltin fl-Empire Stadium fit-2 ta' Marzu, 1945 għaliex ma ndaqqx l-Innu Malti flimkien ma' l-Innu Jugoslav u l-Innu Ingliż fil-partita Hajduks kontra Malta.**

## Jum ir-Rebħa

**U l-kotra qamet f'daqqa – u għajtet: "Jien Maltija!**
**Miskin min ikasbarni, – miskin min jidħaq bija!"**

**U l-Kotra għanniet f'daqqa – u semmgħet ma' l-irjieħ**
**L-Innu ta' Malta tagħna, – u l-leħen kien rebbieħ!**

**Fuq ngħas l-imgħoddi gwejjef, – in-ngħas ta' l-Apatija,**
**X'ħin ruħna kienet rieqda – ġo sodda barranija;**

**U l-ombra ta' Vassalli – qamet minn qiegħ il-qabar,**
**U għajtet: "Issa fl-aħħar – jiena se nsib is-sabar."**